2025/1723

7.8.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1723

tas-6 ta' Awwissu 2025

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjoni ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjoni ta' qamħirrum li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ" jew iċ-Ċina) abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2024 mill-Association Européenne des Transformateurs de Maïs Doux (AETMD, Association Européenne des Transformateurs de Maïs Doux) ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/309 tal-14 ta' Frar 2025 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([3]).

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-ilmentatur, lill-produtturi l-oħrajn magħrufin tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Ċiniżi u lill-importaturi u lill-kummerċjanti magħrufin dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċedura anti-dumping rigward l-importazzjoni ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, C/2024/8690 (ĠU C, C/2024/7407, 9.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/7407/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/309 tal-14 ta' Frar 2025 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġett għar-reġistrazzjoni, C/2025/801 (ĠU L, 2025/309, 17.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/309/oj).

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-ftuħ tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Wara l-bidu, saret seduta mal-Federazzjoni Ewropea tal-Kummerċ fil-Frott Imnixxef, fil-Ġewż li Jittiekel, fil-frott u fil-ħxejjex ipproċessati u fil-prodotti tas-sajd ipproċessati ("FRUCOM") u mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali membri tagħha Waren-Verein der Hamburger Börse e.V. ("Waren-Verein") u Nederlandse Vereniging voor de Handel in Gedroogde Zuidvruchten, Specerijen en Aanverwante Artikelen ("NZV"), kif ukoll ma' diversi membri importaturi.

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-bidu mill-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Oġġetti tal-Ikel, Prodotti Nattivi u Prodotti Sekondarji tal-Annimali ("CFNA, China Chamber of Commerce of Import and Export of Foodstuffs, Native Produce and Animal By-Products") u minn Waren-Verein.

(7) Is-CFNA kkritikat il-fatt li l-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment ma ġiex aġġornat qrib id-data tal-preżentazzjoni. L-assoċjazzjoni argumentat li hija tista' tippreżenta stampa differenti tad-dannu meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni, minħabba bidliet sinifikanti fis-suq tal-UE mit-tieni trimestru tal-2024 u sat-tmiem tal-2024. Is-CFNA qieset ukoll li t-Tajlandja u r-RPĊ huma l-uniċi produtturi u esportaturi ewlenin tal-qamħirrum u li l-ishma mis-suq tat-Tajlandja jistgħu jiġu akkwistati mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, jekk l-importazzjonijiet mit-Tajlandja jkunu ristretti minn miżuri anti-dumping. Barra minn hekk, is-CFNA argumentat li ż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ fl-2022 kienet possibbilment ikkawżata minn żviluppi mhux previsti, bħal (1) diżastri naturali u għargħar fit-Tajlandja li naqqsu l-produzzjoni tal-qamħirrum u l-provvista suffiċjenti; (2) ħsad ħażin fl-Ewropa minħabba kundizzjonijiet klimatiċi xotti, b'mod partikolari fi Franza; u (3) il-gwerra fl-Ukrajna li setgħet żiedet il-kostijiet tal-enerġija tal-produtturi tal-qamħirrum u naqqset il-provvista tal-qamħirrum. Is-CFNA qieset ukoll li fl-2022, il-mudell tal-bejgħ għall-esportazzjoni mir-RPĊ inbidel minħabba ordni kbira minn Lidl. Hija qieset li l-ħsad ħażin fl-Ewropa seta' affettwa l-provvista tal-qamħirrum fl-Ewropa u li x-xerrejja bħal Lidl setgħu ħażnu kwantitajiet kbar biex jevitaw in-nuqqas fil-provvista.

(8) Il-Kummissjoni tfakkar lis-CFNA li l-perjodu ta' investigazzjoni ġie definit f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku, li jkopri perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur immedjatament qabel il-bidu tal-proċedimenti. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(9) Fir-rigward tal-affermazzjoni li ż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kienet dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mit-Tajlandja, il-Kummissjoni tfakkar lis-CFNA li dawn il-miżuri ilhom fis-seħħ mill-2009. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(10) Is-CFNA ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn relatata mal-affermazzjoni li l-bidla fl-esportazzjonijiet kienet dovuta biss għal ordni kbira tal-bejjiegħ bl-imnut Lidl. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(11) Is-CFNA argumentat li l-ilment ma weriex id-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni u ddikjarat li ż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ ma ġabet l-ebda impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-ilmentatur f'termini tal-produzzjoni, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, il-ħażniet, il-prezzijiet tal-bejgħ.

(12) Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-informazzjoni pprovduta fl-ilment, kien hemm biżżejjed evidenza li tindika dannu materjali li ġġustifikat il-bidu tal-investigazzjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(13) Is-CFNA affermat ukoll li l-importazzjonijiet mir-RPĊ ma humiex l-unika kawża tad-dannu għall-ilmentatur u rreferiet għall-fatturi deskritti fil-premessa (6). Hija fakkret fl-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet tal-proteina tas-sojja li joriġinaw mir-RPĊ ([4]), fejn il-Kummissjoni sabet li l-koinċidenza ta' żieda fil-prezz mal-prestazzjoni finanzjarja batuta tal-industrija tal-Unjoni indikat il-volatilità tas-suq tal-materja prima u kienet kawża ewlenija ta' dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, li kisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Is-CFNA affermat li kienet teżisti sitwazzjoni simili għal din l-investigazzjoni.

(14) Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-ebda waħda mill-ispjegazzjonijiet possibbli l-oħrajn imsemmija hawn fuq ma tagħti prova kuntrarja tal-konklużjoni li kien hemm biżżejjed evidenza fl-ilment dwar id-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni li ġġustifikaw il-bidu ta' proċediment anti-dumping.

(15) Waren-Verein talbet li testendi l-perjodu kkunsidrat biex tanalizza l-effett tal-għelejjel fqar għall-2020. Hija talbet li tikkunsidra wkoll effetti oħra ta' darba, bħall-kundizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija u tal-munita li kienu favorevoli għad-deċiżjonijiet tax-xiri.

(16) L-ilment analizza r-rabta kawżali pożittiva bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni billi analizza x-xejriet tal-volumi tal-importazzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, u l-indikaturi ewlenin tad-dannu matul il-perjodu kkunsidrat. Tista' tintwera rabta pożittiva, filwaqt li jintwera li l-ebda fattur ieħor ma naqqas ir-rabta kawżali. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni qieset l-evidenza preżenti fl-ilment dwar il-kawżalità bħala raġonevoli u tirreferi għat-taqsima 5 hawn taħt dwar il-kawżalità. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(17) Fl-aħħar nett, is-CFNA talbet lill-Kummissjoni biex tapplika r-regola tad-dazju inferjuri skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Hija argumentat li l-ilment naqas milli jippreżenta evidenza speċifika dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tal-materja prima.

(18) L-ilmentatur ipprovda evidenza kredibbli u rilevanti li r-rekwiżiti legali kollha biex titneħħa r-regola tad-dazju inferjuri ġew issodisfati fil-bidu, inkluża evidenza dwar distorsjonijiet fis-suq tal-azzar fir-RPĊ li jistgħu jaffettwaw il-prezz tal-laned tal-azzar. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni qieset l-evidenza preżenti fl-ilment dwar id-distorsjonijiet tal-materja prima bħala raġonevoli. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(19) Waren-Verein ikkritikat id-data magħżula għall-bidu tal-proċediment, li rrestriġiet il-possibbiltà li l-partijiet interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(20) Is-servizzi tal-Kummissjoni ma għandhom l-ebda impatt fuq id-deċiżjoni tal-industrija tal-Unjoni dwar meta jippreżentaw ilment. Ladarba jiġi ppreżentat ilment, il-Kummissjoni hija legalment obbligata li tieħu deċiżjoni dwar il-każ u li tinforma lill-partijiet ikkonċernati fi żmien 45 jum, f'konformità mal-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, jew bil-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Ġurnal Uffiċjali f'każ ta' bidu ta' investigazzjoni jew billi tinforma lill-industrija tal-Unjoni f'każ ta' rifjut tal-ilment.

(21) Fir-rigward tal-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi, Waren-Verein talbet li tagħżel esportaturi fuq bażi rappreżentattiva.

(22) Il-Kummissjoni enfasizzat li f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, l-għażla tal-kampjun jenħtieġ li tkun statistikament valida abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-għażla, jew tkun ibbażata fuq l-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

(23) Waren-Verein talbet li tillimita l-għażla tal-prodott kopert mill-investigazzjoni għall-kodiċi TARIC 2005 80 00, filwaqt li jenħtieġ li l-kodiċi TARIC 2001 90 30 10 ma jiġix inkluż.

(24) Il-Kummissjoni nnotat li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza ulterjuri biex tiġġustifika t-talba għall-esklużjoni tal-prodott. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/343/UE tas-27 ta' Ġunju 2012 li ttemm il-proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-proteina tas-sojja kkonċentrata li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 168, 28.6.2012, p. 38, premessi (161)-(167), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/343/oj).

(25) Waren-Verein argumentat dwar l-impatt negattiv tar-rati tat-trasport tal-merkanzija u tal-kambju fuq il-prezzijiet tal-prodott u talbet li dawn jitqiesu waqt il-kalkolu tal-valur normali. Barra minn hekk, Waren-Verein qajmet dubji dwar il-komparabbiltà tal-prezzijiet tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott iżda li jvarjaw fid-daqs, fil-konsumaturi finali jew fil-kundizzjonijiet tal-imballaġġ jew tal-konsenja.

(26) Fir-rigward tal-mistoqsijiet li tqajmu dwar il-komparabbiltà tal-prezzijiet, il-Kummissjoni assigurat lil Waren-Verein li skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, it-tqabbil bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-valur normali jsir fl-istess livell ta' kummerċ u fir-rigward tal-bejgħ li sar, kemm jista' jkun qrib, fl-istess ħin u filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq differenzi oħra li jaffettwaw il-komparabbiltà tal-prezzijiet. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jitqiesu d-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi, fil-kundizzjonijiet tat-trasport u tal-merkanzija, fl-ippakkjar, fil-konverżjoni tal-munita u f'fatturi oħra.

(27) Waren-Verein talbet li tikkunsidra l-interessi tal-konsumaturi u tal-kummerċjanti matul l-investigazzjoni. L-assoċjazzjoni ddikjarat li l-prezzijiet tal-qamħirrum x'aktarx li jiżdiedu u dan ikun ta' żvantaġġ għall-konsumaturi, f'każ li jiġu imposti dazji anti-dumping. Meta jitqiesu l-għelejjel fqar futuri u avvenimenti oħra mhux previsti fl-UE li jaffettwaw l-importazzjonijiet, l-assoċjazzjoni qieset li jenħtieġ li ma tiġi imposta l-ebda miżura. Hija affermat ukoll li l-produtturi tal-qamħirrum tal-UE huma ekonomikament b'saħħithom biżżejjed u ma għandhomx bżonn jiġu protetti b'miżuri anti-dumping.

(28) Il-Kummissjoni tfakkar lil Waren-Verein li l-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni titwettaq bħala parti mill-investigazzjoni u mhux fl-istadju tal-ilmenti. Għalhekk, il-fehmiet tal-partijiet kollha huma vvalutati fit-taqsima 7 ta' dan ir-Regolament.

1.5. **Kampjunar**

(29) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni affermat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(30) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni affermat li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum stmat tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-UE matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn żewġ produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn [29 – 38] % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u aktar minn [39 – 48] % tal-bejgħ totali stmat fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun. Għalhekk, il-kampjun tal-industrija tal-Unjoni ġie kkonfermat.

Kampjunar ta' importaturi mhux relatati

(31) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(32) Sitt importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ importaturi mhux relatati abbażi tal-akbar volum ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-importaturi kollha magħrufa kkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Wieħed mill-importaturi inklużi fil-kampjun informa lill-Kummissjoni li ma għadux jixtieq jikkoopera u li ma kienx se jipprovdi tweġiba għall-kwestjonarju. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissostitwixxi dan l-importatur b'importatur ieħor. Il-partijiet interessati ġew għaldaqstant mgħarrfa bil-bidla. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun aġġustat.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi

(33) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-missjoni Ċiniża biex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(34) Tlieta u għoxrin kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Tnejn minn dawn il-kumpaniji kienu relatati, u waħda minnhom ma kinitx produttur esportatur. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment dwar l-għażla tal-kampjun u l-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(35) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(36) Barra minn hekk, fl-ilment, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza *prima facie* ta' distorsjonijiet tal-materja prima fiċ-Ċina fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, kif tħabbar fin-Notifika ta' Bidu, l-investigazzjoni kopriet dawk id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward taċ-Ċina. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni baghtet kwestjonarji addizzjonali f'dan ir-rigward lill-GTĊ.

(37) Il-Kummissjoni baghtet kwestjonarji lill-ilmentatur, lill-produtturi tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi, u lill-importaturi magħrufa. L-istess kwestjonarji kienu disponibbli online ([5]) fil-jum tal-bidu.

(38) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Bonduelle Europe Long Life, France u Bonduelle Central Europe, l-Ungerija

— Dawtona Sp z o.o., il-Polonja

Importaturi

— Otto Franck Import GmbH & Co. KG, Augsburg, il-Ġermanja

Produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Sunflower Group

— Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina

— Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina

Tongfa Group

— Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina

— Fujian Tongfa Foods Group Co., Ltd, Xiamen City, iċ-Ċina.

(39) Barra minn hekk, il-Kummissjoni vverifikat il-makrokwestjonarju sottomess mill-ilmentatur AETMD f'Pariġi, Franza.

1.7. **Applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku**

(40) Il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ kif deskritt fit-taqsima 3.2.1 hawn taħt.

([5]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2762.

(41) Saret applikazzjoni parzjali tal-Artikolu 18 lil Sunflower Group għal kwistjonijiet relatati mal-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-kalkolu tal-prezzijiet CIF u l-kostijiet ta' kreditu rilevanti għas-sejbiet dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni kif deskritt fit-taqsima 3.3 hawn taħt.

(42) Saret applikazzjoni parzjali tal-Artikolu 18 lil Tongfa Group, għal darb'oħra għal kwistjonijiet relatati mal-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-kalkolu tal-prezzijiet CIF rilevanti għas-sejbiet dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni kif deskritt fit-taqsima 3.4 hawn taħt. Barra minn hekk, l-Artikolu 18 ġie applikat ukoll biex jiġi ddeterminat l-input tas-sigħat tax-xogħol għall-kalkolu tax-xogħol bħala fattur tal-produzzjoni kif deskritt fit-taqsima 3.2.3.1 hawn taħt.

1.8. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(43) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **PRODOTT TAĦT INVESTIGAZZJONI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt investigazzjoni**

(44) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa qamħirrum (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku, mhux iffriżat u qamħirrum (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 (kodiċi TARIC 2001 90 30 10) u ex 2005 80 00 (kodiċi TARIC 2005 80 00 10) ("il-prodott taħt investigazzjoni").

(45) Il-qamħirrum jintuża għall-konsum mill-bniedem. Il-prodott normalment jiġi ppreżentat fil-laned, iżda wkoll fil-ħġieġ, f'pakketti tetra jew f'boroż.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(46) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mir-RPĊ ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. **Prodott simili**

(47) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— l-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(48) F'dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li, għaldaqstant, dawk il-prodotti huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(49) Minħabba li kien hemm provi biżżejjed disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(50) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-data neċessarja għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs użati għall-produzzjoni ta' ċertu qamħirrun bil-qalba ppreparat jew ippreservat (qamħirrun). Erbatax-il produttur esportatur ippreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(51) Sabiex tikseb l-informazzjoni li hija qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(52) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, għażlet proviżorjament lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valur ta' riferiment mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi rappreżentattivi oħra li setgħu jkunu xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(53) Fit-12 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni informat permezz ta' nota ("l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. F'din in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Kolombja, il-Malażja, il-Messiku, is-Serbja, it-Tajlandja u t-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa.

(54) Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati permezz tat-tieni nota ("it-Tieni Nota") dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bil-Malażja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative) u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għal Fraser and Neave Holdings BHD, produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(55) Il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-Kolombja, is-Serbja u t-Turkija ma jitqisux bħala pajjiżi rappreżentattivi, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' data finanzjarja rilevanti u disponibbli għall-pubbliku dwar kumpaniji li jipproduċu l-prodott taħt investigazzjoni u/jew prodotti simili. Barra minn hekk, it-Tajlandja ma tidhirx li hija pajjiż rappreżentattiv xieraq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a), peress li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet ta' qamħirrum frisk fit-Tajlandja huma affettwati minn distorsjonijiet, minħabba l-kwantità tal-importazzjonijiet tagħhom miċ-Ċina.

(56) Il-Kummissjoni ma pproponietx lill-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv minħabba n-nuqqas ta' data dwar l-importazzjoni għall-qamħirrum frisk, li huwa l-fattur ewlieni tal-produzzjoni li jirrappreżenta madwar 50 % tal-kost totali tal-manifattura.

(57) Il-Kummissjoni nnotat li l-Malażja tipprovdi valur ta' riferiment xieraq għall-aktar fatturi importanti tal-produzzjoni (qamħirrum frisk u laned friski). Il-Kummissjoni nnotat id-disponibbiltà ta' prezz tal-importazzjoni xieraq għall-qamħirrum frisk minħabba l-kwantitajiet baxxi ta' importazzjonijiet mir-RPĊ. Fir-rigward tal-laned, għalkemm 78 % tal-kwantitajiet inkisbu mir-RPĊ, il-Kummissjoni nnotat differenza kbira fil-prezzijiet bejn il-laned miksuba mir-RPĊ u dawk minn sorsi oħra (madwar CNY 14 għal kull kilo u CNY 28 għal kull kilo rispettivament). Għalhekk, fin-nuqqas ta' evidenza li kien hemm distorsjoni fil-prezz tal-laned minn sorsi oħra, il-Kummissjoni pproponiet li tuża dan il-prezz bħala valur ta' riferiment. L-importazzjonijiet ta' laned minn sorsi oħra nstabu li ma kinux influwenzati mill-prezzijiet Ċiniżi u l-kwantitajiet u l-prezzijiet tal-bqija tal-importazzjonijiet baqgħu rappreżentattivi. Barra minn hekk, l-informazzjoni ta' Fraser and Neave Holdings BHD kienet partikolarment xierqa bħala sors ta' data tal-SGA u tal-profitti peress li r-rapport annwali tal-2024 kien għall-perjodu ta' investigazzjoni (mill-30 ta' Ottubru 2023 sa Settembru 2024).

(58) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod proviżorju li tagħżel lill-Malażja bħala l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq. Il-kummenti magħmula mill-partijiet interessati dwar l-Ewwel u t-Tieni Nota, u b'mod partikolari dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, huma diskussi hawn taħt fit-taqsima 3.2.2.

3.2. **Valur normali**

(59) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*Il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".

(60) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*Fil-każ li jiġi determinat … li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni*", u "*għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*" ("*kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali*" minn hawn 'il quddiem imsejħa "SG&A").

(61) Kif hemm spjegat ulterjorment hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(62) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li "*Id-distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:*

— is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intraprizi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;

— il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet;

— politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;

— in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;

— il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;

— l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat."

(63) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma hijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jingħataw għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw sabiex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista.

(64) Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni globali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali sabiex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(65) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "*[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur*".

(66) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina ("*ir-Rapport*") ([6]), li fih evidenza dwar l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'bosta fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll f'setturi magħżula (bħas-settur tal-azzar). Il-partijiet interessati ġew mistiedna jirribattu, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu.

(67) L-ilmentatur argumenta li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt investigazzjoni, inkluż il-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku u li, b'riżultat ta' dan, mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali.

(68) Sabiex jappoġġa din il-pożizzjoni, l-ilmentatur irrefera għall-evidenza li tinsab fir-Rapport, b'mod partikolari fir-rigward tad-distorsjonijiet fis-setturi ewlenin tal-produzzjoni, bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera, kif ukoll il-materja prima ewlenija fil-produzzjoni ta' qamħirrum ippreservat bħall-azzar u l-aluminju. L-ilmentatur afferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-punti kollha elenkati fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(69) B'mod speċifiku, l-ilmentatur afferma li l-*GTĊ* jeżerċita kontroll, superviżjoni u gwida fuq l-industrija Ċiniża tal-qamħirrum ippreservat, li hija parti integrali mill-industrija tal-ikel ippreservat fil-laned. L-ilmentatur elenka diversi miżuri ta' politika li jirriżultaw fi: il-produtturi Ċiniżi jaderixxu mal-ideoloġija tal-Partit Komunista Ċiniż ("*CCP*, Chinese Communist Party"); jiġi segwit approċċ orjentat lejn l-esportazzjoni b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva "Belt and Road" ("*BRI*, Belt and Road Initiative"); fis-settur tintwera konsolidazzjoni qawwija bi ftit parteċipanti fis-suq biss preżenti; il-produttur Ċiniż jirċievi appoġġ mill-gvern.

(70) Fost l-aktar miżuri ta' politika nazzjonali importanti biex jintlaħqu l-objettivi msemmija, l-ilmentatur innota:

— l-14-il Pjan nazzjonali ta' Ħames Snin ("*FYP14*, Five Year Plan") li għandu l-għan li jappoġġa, jikkonsolida u jsaħħaħ il-prodotti agrikoli u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni ([7]);

— l-14-il FYP għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina, li jenfasizza l-importanza ta' politika stabbli tal-esportazzjoni u l-ħtieġa li tittejjeb il-kompetittività internazzjonali tas-settur u li fih inċentivi għall-industrija tal-ikel ippreservat fil-laned biex jintlaħqu l-objettivi elenkati ([8]);

— l-Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP u tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promozzjoni Komprensiva tax-Xogħlijiet Ewlenin tar-Rivitalizzazzjoni Rurali fl-2023, li jikkonċernaw il-modernizzazzjoni taż-żoni agrikoli u rurali ([9]);

— il-Pjan ta' Azzjoni Speċjali ta' Tliet Snin tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina ("*CCFIA*, China Canned Food Industry Association") (2021-2023), bl-objettiv li tittejjeb il-kooperazzjoni fost il-produtturi tal-industrija tal-ikel ippreservat fil-laned ([10]).

([6]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 10 ta' April 2024, SWD(2024)91 final.

([7]) Iċ-Ċentru Universitarju Georgetown għas-Sigurtà u t-Teknoloġija Emerġenti, "Traduzzjoni: Deskrizzjoni tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fit-Tul għall-2035 tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina," 13 ta' Mejju 2021.

([8]) L-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina, "Deskrizzjoni tal-FYP14 għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina".

([9]) GTĊ, "Opinjonijiet tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż u tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promozzjoni Komprensiva tax-Xogħlijiet Ewlenin tar-Rivitalizzazzjoni Rurali fl-2023," 13 ta' Frar 2023.

([10]) Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina, "Pjan ta' Azzjoni Speċjali ta' Tliet Snin (2021-2023)," 7 ta' Settembru 2021.

(71) Fost il-miżuri ta' politika provinċjali u muniċipali b'appoġġ għall-industrija tal-ikel ippreservat fil-laned, l-ilmentatur innota:

— f'Guandong, il-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli (2018-2025), li għandu l-għan li jibni u jottimizza l-faċilitajiet tal-ipproċessar primarju, u li jiggarantixxi appoġġ għal diversi proġetti ([11]);

— f'Heilongjiang, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin (2023-2025) għall-Aċċelerazzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli, li għandu wkoll l-għan li jtejjeb is-sistema industrijali tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ([12]), kif ukoll l-Avviż relatat tal-Ħruġ ta' Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin (2023-2025) għall-Aċċelerazzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli (Avviż mill-Uffiċċju Ġenerali) ([13]) u l-Avviż dwar il-Ħruġ ta' Diversi Politiki biex Jappoġġaw l-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ipproċessar Intensiv tal-Prodotti Agrikoli ([14]);

— fil-muniċipalità ta' Suihua (Heilongjiang), l-Opinjonijiet ta' Implimentazzjoni dwar l-Aċċelerazzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli (2023-2025), li jiddikjaraw li l-intrapriżi li jipproċessaw il-prodotti agrikoli, fosthom l-industrija tal-ipproċessar tal-qamħirrum, jenħtieġ li jibbenefikaw minn żieda fl-appoġġ politiku, inkluż permezz tal-użu ta' servizzi finanzjarji innovattivi ([15]).

(72) Barra minn hekk, l-ilmentatur innota li l-GTĊ iżomm ukoll il-kontroll fuq l-ekonomija permezz tal-preżenza tiegħu f'intrapriżi tal-Istat ("*SOEs,* State-owned enterprises") u f'kumpaniji privati, permezz ta' kumitati tas-CCP fi ħdan il-kumpaniji, u permezz ta' ħatriet ta' persunal maniġerjali ewlieni, li normalment ma jkunux biss membri tas-CCP iżda wkoll jokkupaw pożizzjonijiet ta' awtorità għolja fil-ġerarkija tas-CCP ([16]). L-ilmentatur wera dan permezz ta' eżempji speċifiċi ta' produtturi fis-settur, fosthom:

— Hangzhou Wahaha group Co Ltd, li l-fundatur u l-president tagħha kien rappreżentant tas-CCP fil-Kungress f'Zhejiang ([17]);

— Huanlejia Food Group: il-president u l-maniġer ġenerali, imsejjaħ b'mod konsistenti fil-preżentazzjonijiet regolatorji tal-kumpanija bħala "*politiku komunista*" ([18]);

— Hebei Yaxiong Modern Agriculture Co. Ltd.: l-azzjonist kontrollanti tagħha kien membru tal-Kumitat Provinċjali ta' Hebei tal-Konferenza Konsultattiva Politika tal-Poplu Ċiniż u tal-Federazzjoni tal-Industrija u tal-Kummerċ ta' Hebei, kif ukoll il-president tal-Kamra tal-Kummerċ tal-Industrija tal-Ħxejjex ([19]).

([11]) GTĊ, "Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli tal-Provinċja ta' Guangdong (2018-2025)," Yue Nong [2018] Nru. 195, 30 ta' Awwissu 2018.

([12]) GTĊ, "Avviż mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Heilongjiang il-ħruġ ta' Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin (2023-2025) għall-aċċelerazzjoni tal-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli fil-Provinċja ta' Heilongjiang".

([13]) GTĊ, "Avviż mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Heilongjiang dwar il-ħruġ ta' pjan ta' azzjoni ta' tliet snin (2023-2025) għall-aċċelerazzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli fil-Provinċja ta' Heilongjiang," ir-Regolament [2023] Nru 3, 25 ta' Ġunju 2023.

([14]) GTĊ, "Avviż mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Heilongjiang dwar il-ħruġ ta' diversi politiki u miżuri biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-ipproċessar intensiv tal-prodotti agrikoli fil-Provinċja ta' Heilongjiang," Government Regulations [2023] Nru 4, 25 ta' Ġunju 2023.

([15]) GTĊ, "Opinjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Uffiċċju tal-Gvern tal-Poplu tal-Muniċipal ta' Suihua dwar l-Aċċelerazzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ipproċessar tal-Prodotti Agrikoli (2023-2025)," Suizheng Banfa [2023] Nru 24, 31 ta' Awwissu 2023.

([16]) Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 55.

([17]) 36 Krypton, "Reviewing Zong Qinghou's ten major life nodes," (Nirrieżaminaw l-għaxar noduli tal-ħajja ewlenin ta' Zong Qinghou) 25 ta' Frar 2024.

([18]) Huanlejia, "Ir-Rapport Annwali tal-2022," April 2023, p. 8.

([19]) Hebei Yaxiong Modern Agriculture Co. Ltd., "Public Transfer Instructions (draft declaration)," (Istruzzjonijiet ta' Trasferiment Pubbliku (abbozz ta' dikjarazzjoni), Ġunju 2017, pp. 30, 43.

(73) L-ilmentatur iddikjara wkoll li d-distorsjonijiet fis-settur tal-prodott taħt investigazzjoni jirriżultaw mill-intervent tal-GTĊ fis-setturi upstream, b'mod partikolari dawk tal-qamħirrum mhux ipproċessat u tal-azzar.

(74) Fir-rigward tal-industrija tal-qamħirrum mhux ipproċessat, l-ilmentatur innota li l-maġġoranza kbira tal-esportaturi tal-qamħirrum huma SOEs, li, skont l-ilmentatur, huma vetturi tal-GTĊ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tiegħu u jibbenefikaw minn appoġġ mill-gvern relatat.

(75) Fir-rigward tas-settur tal-azzar, l-ilmentatur innota li l-parti l-kbira tal-produtturi tal-azzar fiċ-Ċina huma SOEs, u rrefera għal investigazzjonijiet preċedenti li fihom il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-settur ([20]).

(76) Bħala konklużjoni, l-ilmentatur argumenta li fis-settur tal-qamħirrun hemm distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

3.2.1.1. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina

(77) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa mnaqqax fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika taċ-Ċina. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"*sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda min-nies kollha u s-sjieda kollettiva mill-persuni li jaħdmu*" ([21]).

(78) L-ekonomija tal-Istat hija l-"*forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali*" u l-Istat għandu l-mandat li jiżgura "*l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha*" ([22]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha.

(79) Il-liġi Ċiniża dwar il-proprjetà hija eżempju ewlieni: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([23]).

(80) Barra minn hekk, skont il-liġi Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tas-CCP. L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbutin ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jifformaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat.

(81) Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.

(82) Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[is-]*sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*", iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li taqra: "[il]-*karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina*" ([24]). Dan juri l-kontroll mhux iddubitat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika taċ-Ċina.

(83) Din it-tmexxija u dan il-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħrajn fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limitazzjonijiet tiegħu joperaw forzi tas-suq ħieles.

([20]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar miksija bil-kromu elettrolitiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Brażil, premessa 75, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/802/oj; Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100 tal-11 ta' Jannar 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kartelli tal-azzar inossidabbli li jistgħu jimtlew mill-ġdid u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, premessa 58, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/100/oj.

([21]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 7.

([22]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 7-8.

([23]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 10, 18.

([24]) Ara fuq: http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.html (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).

(84) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([25]). Huma bosta l-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi, u fosthom hemm is-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.

(85) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija regolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u ta' politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern.

(86) Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spjegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti.

(87) Skont il-pjanijiet, qegħdin jiġu identifikati s-setturi u/jew il-proġetti industrijali individwali bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern, u qegħdin jiġu attribwiti lilhom għanijiet ta' żvilupp speċifiċi (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.).

(88) L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma, iridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan ma huwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema ta' pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ([26]).

(89) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari ([27]).

(90) L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li ma humiex maħsuba biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([28]).

(91) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha ma hijiex definita, u għalhekk tħalli marġni ta' apprezzament wiesa' għall-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet ([29]).

(92) B'mod simili, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([30]).

(93) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi mill-gvern. Tali interventi sostanzjali mill-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([31]).

([25]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 29-30.
([26]) Ir-Rapport – Kapitolu 4, p. 57, 92.
([27]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 149-150.
([28]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 153--171.
([29]) Ir-Rapport – Kapitolu 7, p. 204-205.
([30]) Ir-Rapport – Kapitolu 8, p. 207-208, 242-243.
([31]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 19-24, Kapitolu 4, p. 69, p. 99-100, Kapitolu 5, p. 130-131.

3.2.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur.

(94) Fiċ-Ċina, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll u/jew superviżjoni politika jew gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

(95) Il-qamħirrum huwa prinċipalment prodott minn kumpaniji privati, bħal Sunflower Food Industry Xinfeng Co. Ltd. ([32]), Zhangzhou Tongfa Food Industry Co. Ltd. ([33]) jew Runfeng Food Co. Ltd. ([34]). Is-settur tal-ikel ippreservat fil-laned huwa servut ukoll minn kumpaniji li huma parzjalment proprjetà tal-Istat bħal Hangzhou Wahaha Group ([35]) bi sjieda tal-Istat ta' 46 % ([36]).

(96) Madankollu, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma mhux biss fl-SOEs, iżda anke f'kumpaniji privati ([37]), bis-CCP jiddikjara tmexxija fuq prattikament kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Tabilħaqq, l-influwenza tal-Istat permezz ta' strutturi tas-CCP fi ħdan il-kumpaniji effettivament tirriżulta biex l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni politika tal-gvern, minħabba l-punt sa fejn l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien fiċ-Ċina.

(97) Barra minn hekk, is-settur tal-qamħirrun huwa soġġett għal diversi politiki tal-gvern, bħall-politiki ewlenin tal-2022 imħabbra mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali: "[l]-*iżvilupp integrat tal-industrija agrikola. Il-koordinazzjoni tat-tqassim u l-kostruzzjoni ta' għadd ta' parks industrijali agrikoli moderni nazzjonali, raggruppamenti industrijali vantaġġużi u karatteristiċi, u muniċipalitajiet industrijali agrikoli b'saħħithom. L-enfasi fuq l-iżgurar tas-sigurtà alimentari nazzjonali u l-provvista effettiva ta' prodotti agrikoli importanti, b'enfasi fuq ir-ross, il-qamħ, il-qamħirrum,* [...] *il-bini ta' sistema industrijali rurali moderna bbażata fuq bliet industrijali b'saħħithom, parks industrijali bħala l-magna, u raggruppamenti industrijali bħala s-sinsla, it-tqassim provinċjali, tal-kontej u tal-bliet, u l-promozzjoni koordinata ta' punti, linji u żoni, sabiex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-iżvilupp industrijali kollu kemm hu*" ([38]).

(98) Bl-istess mod, l-14-il FYP dwar il-Promozzjoni tal-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura u taż-Żoni Rurali jistabbilixxi l-objettivi li ġejjin: "[il-]*kostruzzjoni ta' ċinturini industrijali tas-sigurtà alimentari nazzjonali:* [a]*bbażi tal-produzzjoni u l-provvista tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum, il-fażola tas-sojja, eċċ., il-koordinazzjoni tat-tqassim tal-bini tal-kapaċitajiet fil-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, u ċ-ċirkolazzjoni, u l-bini ta' ċinturini industrijali tas-sikurezza alimentari* […]" ([39]).

(99) Il-kontroll u s-superviżjoni politika tal-gvern jistgħu jiġu osservati wkoll fil-livell tal-assoċjazzjonijiet industrijali rilevanti ([40]).

([32]) Ara fuq: http://en.tyhsp.cn/ (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([33]) Ara fuq: http://www.tfacan.com/page-10500.html (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025.
([34]) Ara fuq: http://www.jsrunfeng.cn/ (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([35]) Ara fuq: https://www.wahaha.com.cn/#/Introduce (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([36]) Ara fuq: http://www.21jingji.com/article/20240718/herald/8041aff7549aaa03487bacb1128aa14f.html (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([37]) Ara l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Liġi Ċiniża dwar il-Kumpaniji. Ara r-Rapport – Kapitolu 3, p. 47-50.
([38]) Ara fuq: http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm, paragrafu 20 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([39]) Ara fuq: https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htm, taqsima II.6, Kaxxa 2 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([40]) Ir-Rapport – Kapitolu 2, p. 24-27.

(100) Pereżempju, is-settur tal-ikel ippreservat fil-laned huwa kopert mill-Kunsill Nazzjonali tal-Industrija Ħafifa taċ-Ċina ("*CNLIC*, China National Light Industry Council") ([41]). L-Artikolu 2 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CNLIC ([42]) jiddeskrivi l-għan tal-Kunsill bħala "*li jistudja bir-reqqa u jimplimenta l-ispirtu tas-serje ta' diskorsi importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping*." Barra minn hekk, l-Artikolu 3 jobbliga li "[il-]*Kunsill jaderixxi mat-tmexxija ġenerali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, u, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, jistabbilixxi l-organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, jiżviluppa l-attivitajiet tal-Partit, u jipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit*" ([43]).

(101) Is-CNLIC jipprovdi gwida lis-settur ([44]), kif ukoll lis-CCFIA ([45]), b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet tal-bini tal-Partit u t-tfassil tal-politika. Fl-2022, il-Kunsill irrakkomanda li s-CCFIA "*jenħtieġ li taderixxi mal-gwida tal-bini tal-Partit, tiggwida lill-industrija biex tisma' b'mod sod lill-Partit, u ssegwi lill-Partit b'mod sod*" u li "*jenħtieġ li tħeġġeġ lill-intrapriżi biex jiżviluppaw varjetajiet ġodda abbażi* […] *ta' ħxejjex ippreservati fil-laned*" u "*tiżviluppa, issaħħaħ u tappoġġa lill-intrapriżi, u tiżviluppa raggruppamenti tal-industrija tal-preservazzjoni*" ([46]).

(102) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 4 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CCFIA ([47]), l-Assoċjazzjoni "*taderixxi mat-tmexxija ġenerali tas-*[CCP], *tistabbilixxi l-organizzazzjoni tas-*[CCP] *f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni* tas-[CCP] […], *twettaq attivitajiet tal-Partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-Partit. L-awtorità ta' reġistrazzjoni u ta' ġestjoni ta' din l-Assoċjazzjoni hija l-Ministeru tal-Affarijiet Ċivili tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u l-awtorità ewlenija għall-bini tal-Partit hija l-Kumitat tal-Partit tas-Superviżjoni tal-Assi tal-Istat u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Istat*". Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni "*taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju*" mill-Ministeru għall-Affarijiet Ċivili u mill-Kumitat tal-Partit tas-Superviżjoni tal-Assi tal-Istat u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni ([48]). Aktar minn hekk, l-Artikolu 24 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tas-CCFIA jirrikjedi li l-president, il-viċi president u s-segretarju ġenerali tal-assoċjazzjoni "[j]*aderixxu mal-linji, il-prinċipji u l-politiki tal-Partit u jkollhom kwalitajiet politiċi tajbin*" ([49]). Sunflower Food Industry Xinfeng Co. Ltd. ([50]), Zhangzhou Tongfa Food Industry Co. Ltd. u Runfeng Food Co. Ltd. ([51]) huma kollha membri tas-CCFIA ([52]).

(103) Konsegwentement, anke l-produtturi bi sjieda privata fis-settur tal-prodott ikkonċernat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk bi sjieda privata fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni politika u gwida.

3.2.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

(104) Il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni fejn jista' jinterferixxi fil-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. B'mod partikolari, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma, jirrappreżentaw mezz importanti li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali.

(105) Skont il-liġi Ċiniża dwar il-kumpaniji, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha tal-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([53])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit.

([41]) Ara fuq: http://www.cnlic.org.cn/index.html (aċċessat fil-11 ta' Ġunju 2025).
([42]) Ara fuq: http://www.cnlic.org.cn/footers/footer-zc.html (aċċessat fil-11 ta' Ġunju 2025).
([43]) Ibid.
([44]) Ara fuq: http://www.cnlic.org.cn/LingDaoHuoDong/202206/t20220630_64680.html (aċċessat fil-11 ta' Ġunju 2025).
([45]) Ara fuq: http://www.topcanchina.com (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([46]) Ara fuq: http://www.cnlic.org.cn/LingDaoHuoDong/202206/t20220630_64680.html (aċċessat fil-11 ta' Ġunju 2025).
([47]) Ara fuq: http://www.topcanchina.com/xhjj/4095 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([48]) Ibid.
([49]) Ibid.
([50]) Ara fuq: http://www.topcanchina.com/myxrhqy/16113 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([51]) Ara fuq: http://www.topcanchina.com/myxrhqy/16123 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([52]) Ara fuq: http://www.topcanchina.com/xhhydw/11568 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([53]) Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 40.

(106) Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, tal-anqas mill-2016, is-CCP ilu jsaħħaħ l-affermazzjonijiet tiegħu sabiex jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku ([54]), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-Partit ([55]).

(107) Diġà fl-2018, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-Partit fi 73 % ta' madwar 2,57 miljun kumpanija bi sjieda privata, u dan irriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([56]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fis-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott ikkonċernat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(108) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu General Office of CCP Central *Committee's* Guidelines on stepping up the United Front work in the private sector for the new era (Il-Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida) ("*il-Linji Gwida*") ([57]), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitati tal-Partit f'intrapriżi privati.

(109) It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida tiddikjara: "[i]*rridu nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit li jmexxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u nsaħħu b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam*"; u t-taqsima III.6 tiddikjara: "[i]*rridu nkomplu nsaħħu l-bini tal-Partit f'intrapriżi privati* u *nħallu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nħallu lill-membri tal-Partit jaqdu r-rwoli tagħhom bħala mexxejja u pijunieri*". Għalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat ([58]).

(110) Filwaqt li ma kienx possibbli li jiġi stabbilit trikkib sistematiku bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija/il-funzjonijiet tas-CCP fost il-produtturi tal-prodott ikkonċernat, l-investigazzjoni kkonfermat interferenza diretta tas-CCP fil-ġestjoni tagħhom. Pereżempju, il-Kumitat ta' Ħidma tal-Partit u l-Fergħa tal-Partit Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ tad-Distrett ta' Pancheng Street li jinsabu fiż-żona ta' Nanjing Jiangbei ([59]), fejn tinsab sussidjarja ta' Runfeng Food Co., jiddeskrivu l-ħidma tiegħu bħala "[l]*i jagħmel enfasi mill-qrib fuq il-linja ewlenija tal-bini tal-Partit li tmexxi l-ħidma tal-Kamra tal-Kummerċ*, […] *filwaqt li jieħu diversi miżuri biex jippromwovi l-integrazzjoni profonda tal-bini tal-Partit u l-ħidma tal-Kamra tal-Kummerċ*. […] *Fil-proċess biex jiġu servuti l-intrapriżi, il-Fergħa tal-Partit Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ twettaq regolarment simpożji u żjarat ta'"intrapriżi ta' servizz, wiċċ imb'wiċċ" biex tgħin lill-intrapriżi jsiru akbar u aktar b'saħħithom, u fil-proċess biex jiġu servuti l-intrapriżi, introduċiet b'suċċess ħafna proġetti* […] *u ppromwoviet lil Jiangsu Runfeng Food Co., Ltd. biex tinvesti fil-kostruzzjoni ta' ċentru komprensiv għall-għażla tal-prodotti agrikoli f'park ta' dimostrazzjoni*" ([60]).

(111) Barra minn hekk, il-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Ekonomija tas-Settur Privat ("*il-Liġi dwar l-Ekonomija Privata*") tobbliga li "[o]*rganizzazzjonijiet ekonomiċi privati u l-operaturi tagħhom għandhom jappoġġaw it-tmexxija [CCP]* […], *jaderixxu mas-sistema soċjalista b'karatteristiċi Ċiniżi, u jipparteċipaw b'mod attiv fil-kostruzzjoni ta' setgħa moderna soċjalista*" ([61]).

(112) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u ta' inputs għandhom effett ta' distorsjoni addizzjonali ulterjuri fuq is-suq ([62]). B'hekk, il-preżenza tal-Istat f'ditti, fis-setturi tal-qamħirrun u f'setturi oħrajn (bħas-settur finanzjarju u dak tal-inputs), tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

([54]) Ara pereżempju: Blanchette, J. - Xi's Gamble: *The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster* (Il-Ġirja biex tiġi Kkonsolidata s-Setgħa u jiġu Evitati d-Diżastri); Foreign Affairs, vol. 100, nru 4, Lulju/Awwissu 2021, pp. 10-19.

([55]) Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 41.

([56]) Ara fuq: https://merics.org/en/comment/who-ccp-chinas-communist-party-infographics (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).

([57]) Il-Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida, ara fuq: www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).

([58]) Financial Times (2020) - Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise (Il-Partit Komunista Ċiniż jasserixxi kontroll akbar fuq intrapriża privata), ara fuq: https://on.ft.com/3mYxP4j (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).

([59]) Ara: https://njna.nanjing.gov.cn/jd/pcjd/jdgk/201807/t20180724_502337.html (aċċessat fid-19 ta' Ġunju 2025).

([60]) Ara fuq: http://js.news.cn/20250108/60bd844f35d747b3917cfe5131c0a677/c.html (aċċessat fil-11 ta' Ġunju 2025).

([61]) Ara l-Artikolu 5 tal-Liġi dwar l-Ekonomija Privata, disponibbli fuq: https://www.gov.cn/yaowen/liebiao/202504/content_7022018.htm (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).

([62]) Ir-Rapport – Kapitolu 14, Taqsimiet 14.1 sa 14.3.

3.2.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(113) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata sa punt sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali, provinċjali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru prattikament lis-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern.

(114) B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta fit-tmexxija ta' riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([63]).

(115) Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-Ekonomija Privata tistabbilixxi li "[l-]*Istat għandu jsaħħaħ il-bini ta' tim ta' operaturi ta' organizzazzjonijiet ekonomiċi privati, isaħħaħ il-gwida ideoloġika u politika, u jiżviluppa r-rwol importanti tagħhom fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali*; […] *jiggwida lill-operaturi ta' organizzazzjonijiet ekonomiċi privati biex jipprattikaw il-valuri soċjalisti ewlenin, ikunu patrijotiċi u ddedikati,* […] *u jsiru b'mod sod bennejja tas-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi u promoturi tal-modernizzazzjoni tal-istil Ċiniż*" u wkoll li "[o]*rganizzazzjonijiet ekonomiċi privati u l-operaturi tagħhom għandhom* […] *jaċċettaw is-superviżjoni tal-gvern u dik soċjali meta jkunu involuti f'attivitajiet ta' produzzjoni u ta' operazzjoni*" ([64]).

(116) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw għadd ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-prodott ikkonċernat.

(117) Il-politiki ewlenin tal-2022 tal-Ministeru għall-Finanzi u tal-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali msemmija hawn fuq (ara l-premessa (97)) fihom ukoll id-dispożizzjoni li ġejja li tinfluwenza l-funzjonament tas-settur: "[l-]*Istat se jkompli jimplimenta politiki bħal sussidji għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas-sojja, sussidji għar-ross, u inċentivi għal kontej kbar li jipproduċu l-ħbub, sabiex tiġi kkonsolidata l-effettività tar-riforma strutturali min-naħa tal-provvista fl-agrikoltura u tiġi żgurata s-sigurtà alimentari nazzjonali*". Barra minn hekk, id-dokument jipprevedi "[p]*remji għal kontej ewlenin tal-produzzjoni taż-żrieragħ. L-espansjoni tal-ambitu tal-appoġġ għall-kontej ewlenin tal-produzzjoni taż-żrieragħ tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum* [...]*, u l-promozzjoni tat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industrija taż-żrieragħ*" ([65]).

(118) L-14-il FYP dwar il-Promozzjoni tal-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura u taż-Żoni Rurali ([66]) għandu l-għan li "[i]*tejjeb il-politiki ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-ħbub. Jistabbilizza s-sussidji għall-bdiewa tal-ħbub, itejjeb il-politika tal-prezz minimu tax-xiri għar-ross u l-qamħ, u l-politika ta' sussidju għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas-sojja. Itejjeb il-mekkaniżmu ta' kumpens għall-interessi ta' żoni ewlenin li jipproduċu l-ħbub u jtejjeb is-sistema ta' politika ta' appoġġ għall-kontej ewlenin li jipproduċu l-ħbub*" ([67]). Skont l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tas-Settur tat-Tħawwil fil-Livell Nazzjonali ([68]), "[m]*atul il-perjodu tal-14-il* [FYP]*, se nesploraw l-espansjoni potenzjali, se nżidu l-kapaċità tal-produzzjoni, se nottimizzaw l-istruttura, se nippromwovu żvilupp diversifikat, u se ntejbu l-kapaċitajiet tal-garanzija tal-provvista*" ([69]).

([63]) Ir-Rapport – Kapitolu 4, p. 56-57, 99-100.
([64]) Ara l-Artikoli 5 u 6 tal-Liġi dwar l-Ekonomija Privata.
([65]) Ara fuq: http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm, paragrafi 6 u 15 (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([66]) Ara fuq: https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htm (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([67]) *Ibid.*, Taqsima II.1.
([68]) Ara fuq: http://www.moa.gov.cn/govpublic/ZZYGLS/202201/t20220113_6386808.htm (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([69]) *Ibid.*, Taqsima III.1.3.

(119) Barra minn hekk, "*sabiex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet u l-linji gwida tal-Partit u tal-Gvern* ([70])"', is-CCFIA ħarġet l-14-il FYP għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ikel Ippreservat fil-Laned taċ-Ċina ([71]) li jistabbilixxi miri kwantitattivi bħal "*il-bini ta' tliet bażijiet ta' dimostrazzjoni għal materja prima ta' kwalità għolja għall-ikel ippreservat fil-laned, il-ħolqien ta' ħames unitajiet ta' dimostrazzjoni tal-innovazzjoni, il-kultivazzjoni ta' raggruppament nazzjonali ġdid wieħed għall-industrija tal-ikel ippreservat fil-laned, il-kultivazzjoni ta' għaxar ditti influwenzjali b'reputazzjoni għolja,*" kif ukoll miri kwalitattivi bħal "*l-iżvilupp attiv ta' varjetajiet ta' ikel ippreservat fil-laned bħal ħxejjex* [u] *l-gwida ta' żoni agrikoli* […] *biex jiġu żviluppati għelejjel u razez ekoloġiċi u ta' kwalità għolja* […] *u biex jinħolqu raggruppament industrijali korrispondenti*" ([72]).

(120) Fil-livell provinċjali, Jiangxi ħarġet l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp ta' Industrija tal-Manifattura ta' Kwalità Għolja li jfittex li "*jestendi u jespandi ulterjorment il-katina tal-industrija alimentari, iżid il-valur miżjud tal-prodott* [sabiex] [s] *a l-2025, l-iskala tal-industrija tal-ipproċessar tal-ikel tal-provinċja tilħaq RMB 850 biljun yuan.* […] *Fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ippreservati fil-laned,* [aħna għandna] *nibnu bażijiet għall-ipproċessar tal-ħxejjex u tal-frott* […] *u nespandu u nsaħħu r-raggruppament tal-ipproċessar tal-frott u l-ħxejjex fix-Xlokk ta' Fujian*" ([73]).

(121) Sunflower Food Industry Xinfeng Co. Ltd tinsab f'Jiangxi u Zhangzhou Tongfa Food Industry Co. Ltd tinsab f'Fujian.

(122) Barra minn hekk, Heilongjiang, fl-14-il FYP tagħha dwar l-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u l-Perspettivi għall-2035, għandha l-għan li "[t]*espandi b'mod moderat l-għelejjel tal-ikel b'rendiment għoli bħall-qamħirrum,* […] *u tibni bażi nazzjonali għall-produzzjoni tal-ħbub ta' kwalità għolja tal-qamħirrun u tal-fażola tas-sojja*" ([74]).

(123) B'mod aktar speċifiku għas-settur tal-prodott ikkonċernat, Heilongjiang ħarġet Pjan ta' Żvilupp għall-Industrija tal-Ipproċessar tal-Qamħirrum (2021-2025) ([75]), li skontu l-provinċja qed tippjana li "tikkultiva u toħloq grupp ta' intrapriżi ewlenin immexxija minn intrapriżi [RMB] ta' "livell ta' 10 biljuni", sabiex tipprovdi l-appoġġ ewlieni għall-bini ta' sistema moderna tal-ipproċessar tal-qamħirrum" u sabiex "[t]ippromwovi t-trasformazzjoni u t-titjib tal-intrapriżi biex isiru aħjar u aktar b'saħħithom, […] [t] *ippromwovi, min-naħa tal-intrapriżi tal-ipproċessar tal-qamħirrun, l-aċċellerar tat-trasformazzjoni teknoloġika, l-adozzjoni ta' teknoloġiji u proċessi avvanzati u applikabbli, l-eliminazzjoni ta' tagħmir antik, l-introduzzjoni u x-xiri ta' tagħmir u linji tal-produzzjoni avvanzati, u t-titjib tal-kompetittività ewlenija*." ([76])

(124) Barra minn hekk, fl-2024, Shandong nediet "*politika pilota*" biex tippromwovi, ittejjeb u tiżviluppa l-industrija tal-qamħirrum ([77]), filwaqt li tipprovdi appoġġ fiskali importanti għar-riċerka u l-iżvilupp.

(125) Bl-istess mod, Jilin ħarġet politiki preferenzjali speċifiċi li huma ta' benefiċċju għall-industrija tal-prodott ikkonċernat. Skont rapport maħruġ fuq is-sit web tiegħu, l-Uffiċċju tat-Tassazzjoni Provinċjali ta' Jilin "*jifformula u jaġġusta l-lista ta' benefiċċji tal-politika kif ukoll il-lista ta' suġġetti li jeħtieġu rispons rapidu. L-intrapriżi għandhom ħtiġijiet, it-tassazzjoni tirrispondi. Fit-triq lejn it-titjib tal-industrija, hemm biżżejjed għodod ta' politika disponibbli*" ([78]).

(126) Għalhekk, permezz ta' dawn l-istrumenti u mezzi oħrajn, il-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla prattikament kull aspett fl-iżvilupp u fil-funzjonament tas-settur, kif ukoll l-inputs upstream.

(127) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw is-settur. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

([70]) Ara fuq: https://dsynews.com.cn/shipin/2023/03/31/17765.shtml (aċċessat fl-10 ta' Ġunju 2025).
([71]) Ibid.
([72]) Ibid.
([73]) Ara fuq: https://gxt.fujian.gov.cn/jdhy/zxzcfg/sjzcfg/202107/t20210707_5641856.htm (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).
([74]) Ara t-Taqsima III.2, disponibbli fuq: https://www.ndrc.gov.cn/fggz/fzzlgh/dffzgh/202106/P020210628416237004949.pdf (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).
([75]) Ara l-Pjan ta' Żvilupp ta' Heilongjiang għall-Industrija tal-ipproċessar tal-qamħirrum (2021-2025), maħruġ f'Ġunju 2021.
([76]) *Ibid.*, Taqsima III.1.
([77]) Ara fuq: https://www.sohu.com/a/756699103_121769698 (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).
([78]) Ara fuq: http://jilin.chinatax.gov.cn/art/2023/11/6/art_334_710476.html (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).

3.2.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà

(128) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin tagħha bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali fuq prinċipji simili għal dawk applikati f'liġijiet korrispondenti f pajjiżi għajr iċ-Ċina, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku.

(129) L-għadd ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-anqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, u ta' spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([79]).

(130) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tad-drittijiet għall-art u għall-użu tal-art fiċ-Ċina ([80]). L-art kollha hija proprjetà tal-Istat (art rurali bi sjieda kollettiva u art urbana proprjetà tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha tibqa' tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma regolarment mhux irrispettati, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([81]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([82]).

(131) L-istess bħas-setturi l-oħrajn fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġi Ċiniża dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawk il-kunsiderazzjonijiet, abbażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma kompletament applikabbli wkoll fis-settur kimiku, u għaldaqstant fis-settur tal-qamħirrun. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(132) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-prodott ikkonċernat.

3.2.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont il-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(133) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa kompletament fiċ-Ċina minħabba li l-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekkla fid-drittijiet tagħhom għal organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO, International Labour Organization), b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([83]).

(134) Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni ta' trade union waħda biss hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([84]). Barra minn hekk, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari.

([79]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 171-179.
([80]) Ir-Rapport – Kapitolu 9, p. 260-261.
([81]) Ir-Rapport – Kapitolu 9, p. 257-260.
([82]) Ir-Rapport – Kapitolu 9, p. 252-254.
([83]) Ir-Rapport – Kapitolu 13, p. 360-361, 364-370.
([84]) Ir-Rapport – Kapitolu 13, p. 366.

(135) Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkunux fil-pussess tar-reġistrazzjoni tar-residenza lokali, u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([85]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fiċ-Ċina.

(136) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-qamħirrun ma jkunx soġġett għas-sistema Ċiniża dwar il-liġi tax-xogħol deskritta. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (f'termini ta' aċċess għall-kapital jew għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fiċ-Ċina).

3.2.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(137) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fiċ-Ċina huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(138) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([86]), li, meta jagħtu aċċess għal finanzjament, iqisu kriterji oħrajn għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu konnessi mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([87]) u jimplimentaw regolarment ordnijiet pubbliċi mfassla mill-GTĊ.

(139) Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([88]). Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

(140) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anke d-deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ([89]). Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa għandhom iqisu, b'mod partikolari, kif l-entitajiet "*jaqdu l-objettivi ta' żvilupp nazzjonali u l-ekonomija reali*", u b'mod partikolari kif "*jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti*" ([90]).

([85]) Ir-Rapport – Kapitolu 13, p. 370-373.
([86]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 137-140.
([87]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 146-149.
([88]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 149.
([89]) Ara l-*Pjan ta' Azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020–2022)* maħruġ mill-Kummissjoni Regolatorja Bankarja u tal-Assigurazzjoni taċ-Ċina ("CBIRC", China Banking and Insurance Regulatory Commission) fit-28 ta' Awwissu 2020; disponibbli fuq: http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "*ikompli jiġi implimentat l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz fir-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju*". Barra minn hekk, it-taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "*għandna nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri* […] *Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri*".
([90]) Ara l-*Avviż dwar il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali* maħruġ mis-CBIRC fil-15 ta' Diċembru 2020, disponibbli fuq: http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).

(141) Pereżempju, Sunflower Food Industry Xinfeng Co. Ltd., taħt is-superviżjoni tal-Uffiċċju Finanzjarju tal-Muniċipalità ta' Ganzhou, iffirmat ftehim ta' kooperazzjoni mas-sussidjarja ta' Ganzhou tal-Bank tal-Istat Jiujiang Bank "*biex jappoġġa lill-intrapriża biex tespandi l-iskala tan-negozju tagħha, iżid is-sehem mis-suq tagħha u jgħin fl-iżvilupp tal-intrapriża*" ([91]).

(142) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu soġġetti għal distorsjoni għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern ([92]). Dan huwa amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi magħżula mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([93]). Dan jirriżulta f'tendenza favur li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(143) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv ta' investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profittabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.

(144) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem ta' self fir-rata ta' riferiment jew taħtha kien għadu jirrappreżenta tal-anqas terz tas-self kollu fl-aħħar tal-2018 ([94]). Il-media uffiċjali fiċ-Ċina dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab "*li titbaxxa r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self*." ([95]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqigħ tal-prezzijiet, u konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(145) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fiċ-Ċina jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr l-ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu li jkun mistenni f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'riżultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu, bil-GTĊ jagħżel għadd ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjieda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambji ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.

(146) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu sabiex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiv fiċ-Ċina hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti bħala riżultat tar-rwol pervaživ kontinwu tal-Istat fis-swieq kapitali. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(147) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-prodott ikkonċernat ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

3.2.1.8. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(148) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karatteristiċi għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq, kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport, japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni kif stabbilit hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport.

([91]) Ara fuq: http://www.gzjrw.com.cn/Item/396372.aspx (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).
([92]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 157-158.
([93]) Ir-Rapport – Kapitolu 6, p. 150-152, 156-160, 165-171.
([94]) OECD (2019), OECD Economic Surveys: China 2019, OECD Publishing, Pariġi. p. 29, ara fuq: https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).
([95]) Ara fuq: http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm (aċċessat fit-12 ta' Ġunju 2025).

(149) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott ikkonċernat, huma meħtieġa ċerti inputs. Meta l-produtturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li dawn iħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi. Dawn id-distorsjonijiet ġew deskritti fid-dettall hawn fuq, b'mod partikolari fit-taqsima 3.2.1.1. Il-Kummissjoni indikat li l-istruttura regolatorja li tirfed dawk id-distorsjonijiet tapplika b'mod ġenerali, bil-produtturi tal-qamħirrun ikunu soġġetti għal dawk ir-regoli bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fiċ-Ċina. Għalhekk, id-distorsjonijiet għandhom effett dirett fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-prodott ikkonċernat.

(150) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport.

(151) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien immanifatturat fiċ-Ċina permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(152) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma preżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

Kummenti ġenerali

(153) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([96]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni f'dak il-pajjiż;

— L-eżistenza ta' data rilevanti disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv;

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ngħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(154) Kif spjegat fil-premessi (53) u (54) hawn fuq, il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lill-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

(155) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni identifikat lill-Kolombja, lill-Malażja, lill-Messiku, lis-Serbja, lit-Tajlandja u lit-Turkija bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri kollha huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" abbażi tal-introjtu nazzjonali gross fejn il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni kienet magħrufa li sseħħ.

([96]) World Bank Open Data – Upper Middle Income (Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri), https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(156) L-AETMD argumentat li għall-Kolombja, għall-Malażja, għas-Serbja, għat-Tajlandja jew għat-Turkija, l-Ewwel Nota tal-Kummissjoni ddikjarat li mhux id-data kollha relatata mal-fatturi tal-produzzjoni u tal-bejgħ kienet disponibbli. Huma ddikjaraw ukoll li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-fatturi tal-produzzjoni u tal-bejgħ kienu distorti. Għalhekk, huma appoġġaw l-użu tal-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv.

(157) Is-CFNA argumentat li l-Malażja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq minħabba li d-data kienet disponibbli għal kumpanija fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ikel f'imballaġġ inklużi ikel u xorb ippreservati fil-laned. Is-CFNA argumentat ukoll li t-Tajlandja, il-Kolombja u l-Turkija jenħtieġ li jiġu esklużi fil-pajjiżi rappreżentattivi ssuġġeriti minħabba kwantitajiet għoljin ta' importazzjonijiet miċ-Ċina ta' qamħirrum frisk. Barra minn hekk, is-CFNA ddikjarat li l-Messiku jenħtieġ li jiġi eskluż peress li ma jimportax kwantitajiet kbar ta' laned.

L-eżistenza ta' data rilevanti disponibbli faċilment fil-pajjiż rappreżentattiv

(158) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni indikat li għall-pajjiżi identifikati bħala pajjiżi fejn il-prodott taħt investigazzjoni qed jiġi prodott, jiġifieri l-Kolombja, il-Malażja, il-Messiku, is-Serbja, it-Tajlandja u t-Turkija, kien meħtieġ li d-disponibbiltà tad-data tiġi vverifikata ulterjorment b'mod partikolari fir-rigward tad-data finanzjarja disponibbli faċilment mill-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni.

(159) Għall-Kolombja, għas-Serbja u għat-Turkija ma ġiet identifikata l-ebda data finanzjarja disponibbli faċilment.

(160) Għall-Malażja ġie nnotat li kumpanija waħda (Fraser and Neave Holdings BHD) kellha data finanzjarja disponibbli faċilment li tkopri l-perjodu kollu ta' investigazzjoni.

(161) Għall-Messiku ġie nnotat li kumpanija waħda (Grupo Herdez) kellha data finanzjarja disponibbli faċilment għall-2023.

(162) Għat-Tajlandja ġie nnotat li żewġ kumpaniji (Chin Huay PCL u Sunsweet PCL) kellhom data finanzjarja disponibbli faċilment għall-2023.

(163) Waslu kummenti dwar l-Ewwel Nota mis-CFNA u mill-AETMD.

(164) Is-CFNA argumentat li l-Malażja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq minħabba li d-data kienet disponibbli għal kumpanija fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-ikel f'imballaġġ inklużi ikel u xorb ippreservati fil-laned.

(165) Fit-Tieni Nota tagħha, il-Kummissjoni qablet mal-partijiet interessati li jenħtieġ li l-Kolombja, is-Serbja u t-Turkija ma jitqisux aktar bħala pajjiż rappreżentattiv, fl-istadju proviżorju, minħabba n-nuqqas ta' data finanzjarja disponibbli faċilment.

(166) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bit-Tieni Nota li beħsiebha tuża lill-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-kumpanija Fraser and Neave Holdings BHD, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(167) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv u ta' Fraser and Neave Holdings BHD bħala produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(168) Tongfa Group argumenta kontra l-użu tal-kumpanija proposta għad-data dwar l-SG&A u l-profitti (Fraser and Neave Holdings BHD) minħabba li ma tipproduċix il-prodott taħt investigazzjoni. Minflokha, Tongfa Group ippropona produttur tal-qamħirrum fit-Tajlandja. Il-Kummissjoni nnotat li dan kien imur kontra l-fehmiet tagħhom fl-Ewwel Nota, fejn Tonga Group ippropona Fraser and Neave Holdings BHD bħala kumpanija xierqa fil-pajjiż rappreżentattiv.

(169) Il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta din l-affermazzjoni peress li t-Tajlandja diġà ġiet miċħuda bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Barra minn hekk, Fraser and Neave Holdings BHD, timmanifattura prodotti fl-istess kategorija ġenerali bħall-prodott taħt investigazzjoni, jiġifieri prodotti tal-ikel u tax-xorb inklużi prodotti ppreservati fil-laned.

(170) Għall-Malażja ġie nnotat li aktar minn 70 % tal-importazzjonijiet ta' laned u inqas minn 15 % tal-importazzjonijiet tal-importazzjonijiet ta' qamħirrum ħelu frisk kienu mir-RPĊ.

(171) Għall-Messiku ġie nnotat li ma kien hemm l-ebda importazzjoni ta' qamħirrum frisk irreġistrata fil-GTA. Fir-rigward tal-laned, inqas minn 20 % kienu mir-RPĊ.

(172) Għat-Tajlandja ġie nnotat li kważi l-importazzjonijiet kollha ta' qamħirrum frisk u aktar minn nofs l-importazzjonijiet ta' laned kienu mir-RPĊ.

(173) L-AETMD argumentat li għall-Malażja u għat-Tajlandja, l-Ewwel Nota tal-Kummissjoni ddikjarat li mhux id-data kollha relatata mal-fatturi tal-produzzjoni u tal-bejgħ kienet disponibbli. Huma ddikjaraw ukoll li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-fatturi tal-produzzjoni u tal-bejgħ kienu distorti minħabba l-influwenza tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, huma appoġġaw l-użu tal-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv.

(174) Is-CFNA argumentat li t-Tajlandja, il-Kolombja u l-Turkija jenħtieġ li jiġu esklużi fil-pajjiżi rappreżentattivi ssuġġeriti minħabba kwantitajiet għoljin ta' importazzjonijiet miċ-Ċina ta' qamħirrum frisk. Barra minn hekk, is-CFNA ddikjarat li l-Messiku jenħtieġ li jiġi eskluż peress li ma jimportax kwantitajiet kbar ta' laned.

(175) Fit-Tieni Nota tagħha, il-Kummissjoni nnotat li jenħtieġ li t-Tajlandja ma tibqax titqies bħala pajjiż rappreżentattiv, fl-istadju proviżorju, minħabba l-kwantitajiet kbar ta' importazzjonijiet miċ-Ċina ta' qamħirrum frisk u laned li jammontaw għal madwar 75 % tal-kost tal-manifattura.

(176) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li jenħtieġ li l-Messiku ma jibqax jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv minħabba nuqqas ta' importazzjonijiet fil-Messiku tal-materja prima ewlenija (qamħirrum frisk).

(177) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni kkummentat ukoll li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet fil-Malażja ta' laned miċ-Ċina kienu affettwaw il-prezzijiet ta' importazzjonijiet oħra. Barra minn hekk, inqas minn 15 % tal-importazzjonijiet ta' qamħirrum frisk kienu miċ-Ċina.

(178) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bit-Tieni Nota li beħsiebha tuża lill-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(179) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv.

(180) Wara l-kwistjoni tat-Tieni Nota, l-AETMD ipprovdiet data dwar l-esportazzjonijiet tal-qamħirrum frisk mill-Istati Uniti tal-Amerka lejn il-Messiku. Hija argumentat li fid-dawl ta' din id-data, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv minflok il-Malażja. Fil-konfutazzjoni tagħha, is-CFNA indikat li din l-informazzjoni kienet data dwar l-esportazzjoni li jfisser li kienu meħtieġa kostijiet addizzjonali biex il-prezzijiet jinġiebu f'livell ta' dazju CIF imħallas fil-Messiku. Is-CFNA kkontestat ukoll il-valur ta' din id-data peress li indikat li l-kwantitajiet involuti kienu limitati u għalhekk il-prezzijiet ma kinux rappreżentattivi.

(181) Il-Kummissjoni nnotat li l-prezz ta' dawn l-esportazzjonijiet kien tant għoli li ma kienx ċar jekk fattur ta' distorsjoni kienx qed jaffettwa dawn il-prezzijiet jew anke jekk il-prodott esportat kienx komparabbli mal-prodott taħt investigazzjoni.

(182) Is-CFNA indikat li kien hemm diskrepanza fit-Tieni Nota fir-rigward tas-sors tal-laned li jridu jintużaw minħabba li n-Nota tissuġġerixxi l-użu tal-Messiku bħala sors filwaqt li l-Malażja kienet il-pajjiż rappreżentattiv. Is-CFNA assumiet li kien sar żball. Dan il-kumment ġie aċċettat peress li r-referenza għall-Messiku kienet tabilħaqq żball.

(183) Is-CFNA għamlet punt ieħor fir-rigward tal-użu tal-Malażja bħala sors għal laned peress li hija ssuġġeriet l-użu tal-prezz medju tal-kodiċijiet 7310 21 91 u 7310 21 99. Madankollu, dan il-kumment ġie miċħud peress li l-kodiċi 7310 21 91 jikkonċerna laned tal-pjanċi stanjati u l-kodiċi 7310 21 99 huwa relatat ma' laned għajr pjanċi stanjati. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża biss il-kodiċi 7310 21 91 kif muri fit-Tabella 1 hawn fuq.

(184) Is-CFNA u Tongfa Group iddikjaraw ukoll li l-kwantità tal-importazzjoni tal-laned mill-Messiku kienet żgħira wisq f'termini assoluti u għalhekk il-prezz tal-importazzjoni tagħha ma kienx rappreżentattiv. Madankollu, dawn il-partijiet ma speċifikawx għal liema kodiċi rrefera l-kumment tagħhom. Il-Kummissjoni nnotat li ma kien hemm l-ebda importazzjoni ta' laned fil-Messiku taħt il-kodiċi 7310 21 91.

(185) Wara l-kwistjoni tat-Tieni Nota u rieżami tal-kummenti magħmula mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Malażja baqgħet l-aktar sors xieraq biex jiġu stabbiliti kostijiet mingħajr distorsjoni. Dan kien dovut l-aktar għad-disponibbiltà ta' valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni għall-FOPs ewlenin (qamħirrum frisk u laned). Barra minn hekk, kien għad hemm nuqqas ta' data xierqa mhux distorta u rappreżentattiva disponibbli għall-qamħirrum frisk u l-laned fil-Messiku.

Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

(186) Wara li ġie stabbilit li l-Malażja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.1. Konklużjoni

(187) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Malażja ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.3. *Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(188) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

(189) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-GTA biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni ta' xi whud mill-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża l-istatistika nazzjonali tal-Malażja biex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manodopera ([97]) ([98]) ([99]) u tal-enerġija ([100]) ([101]).

(190) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli kienu raggruppati taħt "materjal konsumabbli". Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat li hija se tikkalkola l-persentaġġ tal-materja konsumabbli fuq il-kost totali tal-materja prima u tapplika dan il-persentaġġ għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([97]) http://www.dosm.gov.my/uploads/release-content/file_20241108110530.pdf.
([98]) https://www.rippling.com/country-hiring/malaysia-employees.
([99]) https://www.mida.gov.my/setting-up-content/human-resources-development-fund/
([100]) https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1.
([101]) https://www.st.gov.my/

3.2.3.1. Fatturi ta' produzzjoni

(191) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Valur mingħajr distorsjoni (CNY)	Unità ta' kejl
Materja prima			
Qamħirrum Frisk	0709 99 10	1,68	Kg
Laned	7310 21 91	28,13	Kg
Materjal konsumabbli			
Manodopera			
Manodopera	Mhux applikabbli	39	Sigħat maħdumin
Enerġija			
Gass naturali	Mhux applikabbli	1,79	m^3
Elettriku	Mhux applikabbli	0,548	kWh
Bijomassa	4401 39	3,65	Kg

(192) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Sabiex tistabbilixxi dan l-ammont, il-Kummissjoni użat il-kostijiet imġarrba mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun bħala persentaġġ tal-kostijiet diretti tal-manifattura. Il-metodoloġija hija spjegata kif xieraq fil-premessa (202).

Materja prima

(193) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sax-xatba ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li mhumiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([102]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-Taqsima 3.2.1, hija kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

([102]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(194) Għal għadd ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem negliġibbli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni. Billi l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet f'materjali konsumabbli kif spjegat fil-premessa (190).

(195) Fejn applikabbli, żdiedu d-dazji applikabbli għall-importazzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni fil-Malażja.

(196) Il-Kummissjoni żiedet persentaġġ mal-prezzijiet importati biex tkopri t-trasport tal-fatturi jew tal-produzzjoni mill-fruntiera lejn il-produttur esportatur li kkoopera sabiex tikseb il-kost tat-trasport mingħajr distorsjoni. Din iż-żieda kienet ekwivalenti għall-persentaġġ attwali tal-kostijiet tal-konsenja għall-materja prima ta' kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun. Il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, din il-metodoloġija tista' tintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

Manodopera

(197) Id-Dipartiment tal-Istatistika tal-Malażja ([103]) jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fil-Malażja. Ir-rapporti tiegħu juru s-salarji u l-pagi fix-xahar fis-settur tal-manifattura. Il-valur medju fix-xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni ġie aġġustat kif xieraq għal kontribuzzjonijiet oħra billi żdiedu l-kontribuzzjonijiet tal-Fond Providenti tal-Impjegati (EPF, Employees Provident Fund), (13 %), il-kontribuzzjonijiet tal-Organizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (SOCSO, Social Security Organization) (1,75 %), il-kontribuzzjonijiet tas-Sistema tal-Assigurazzjoni tal-Impjiegi (EIS, Employment Insurance System) (0,2 %) u l-kontribuzzjonijiet tal-Fond għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani (HRDF, Human Resource Development Fund) (1 %) ([104]) ([105]).

Elettriku

(198) Il-Kummissjoni użat l-istatistika dwar il-prezzijiet tal-elettriku ppubblikata minn Tenaga Nasional Berhad ([106]). Il-Kummissjoni użat id-data dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-faxxa tal-konsum "Tariffa E2 - Tariffa Industrijali Konsum Massimu/Mhux Konsum Massimu b'Vultaġġ Medju", għall-użu massimu f'kWh, 0.355 RM għal kull kWh (0.548 CNY għal kull kWh).

Gass *naturali*

(199) Il-prezz tal-gass naturali għall-utenti industrijali fil-Malażja huwa ppubblikat mill-Kummissjoni tal-Enerġija Malażjana (Suruhanjaya Tenaga) ([107]). Il-Kummissjoni użat l-aktar data disponibbli reċenti u indiċjatha għall-inflazzjoni biex tirrifletti l-prezz tal-perjodu ta' investigazzjoni

(200) Għalhekk, il-Kummissjoni użat id-data tal-prezzijiet medji tal-gass industrijali li tkopri l-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri 1,79 CNY/m3.

Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti

(201) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*Il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(202) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-persentaġġ ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(203) Sabiex jiġi stabbilit ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u l-profitti, il-Kummissjoni qagħdet fuq id-data finanzjarja għall-Fraser and Neave Holdings BHD kif estratta mir-Rapport Annwali tagħha għall-2024 (minbarra t-trasport) li jkopri l-perjodu ta' investigazzjoni.

([103]) http://www.dosm.gov.my/uploads/release-content/file_20241108110530.pdf.
([104]) https://www.rippling.com/country-hiring/malaysia-employees.
([105]) https://www.mida.gov.my/setting-up-content/human-resources-development-fund/
([106]) https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1.
([107]) https://www.st.gov.my/

Kalkolu

(204) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(205) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet ta' unità mingħajr distorsjoni għall-konsum reali tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw. Dawn ir-rati ta' konsum ġew ivverifikati matul il-verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-taqsima 3.2.3.

(206) Fir-rigward ta' Sunflower Group, matul iż-żjara ta' verifika waslet verżjoni riveduta tar-rati tal-konsum għal kull tip ta' prodott.

(207) Fir-rigward ta' Tongfa Group, il-metodu użat għat-tqassim tas-sigħat ikkonsmati għax-xogħol għall-prodott taħt investigazzjoni ġie diskuss matul iż-żjara ta' verifika. Ġie spjegat li Tongfa Group ipproduċa ħafna prodotti ippreservati fil-laned fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-metodu użat għat-tqassim tar-rati tal-konsum għas-sigħat tax-xogħol għall-produzzjoni taħt investigazzjoni meta mqabbla ma' prodotti oħra ġie kkontestat fiż-żjara ta' verifika mill-Kummissjoni minħabba li l-metodu użat kien appoġġat biss minn data fi spreadsheets li ma kinitx tikkostitwixxi sistema verifikabbli peress li ma setgħetx tiġi kontroverifikata ma' rekords oħra tal-kumpanija. Barra minn hekk, it-tim inkarigat mill-każ staffreġ għaliex Tongfa Group ma użax, għax-xogħol, l-istess skema ta' allokazzjoni użata għal fatturi oħrajn ta' produzzjoni (eż. l-enerġija), li hija s-sehem tal-volum tal-prodott taħt investigazzjoni fil-volum tal-produzzjoni totali tal-kumpanija. Għalhekk, il-Kummissjoni ħarġet ittra skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tinforma lil Tongfa Group dwar il-proposta tagħha li tibbaża l-konsum tas-sigħat tax-xogħol fuq il-fatti disponibbli.

(208) Tongfa Group wieġeb billi ddikjara li kien ikkoopera fl-investigazzjoni bl-aħjar mod li seta' fir-rigward tal-kwistjoni tax-xogħol u l-aspetti kollha tal-investigazzjoni. Xtaq li jitqies bħala parti li tikkoopera bis-sħiħ.

(209) Għalkemm il-Kummissjoni għadha tqis lil Tongfa bħala parti li tikkoopera f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 18 jenħtieġ li japplika peress li Tongfa ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-kalkolu tas-sigħat tax-xogħol. Għaldaqstant, is-sigħat tax-xogħol għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-fatti disponibbli. Għalhekk, f'dan l-istadju, is-sigħat tax-xogħol ikkonsmati ġew ikkalkolati bl-użu ta' proporzjon ta' tqassim tal-kwantità tal-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni għall-kwantitajiet totali tal-produzzjoni tal-prodotti kollha.

(210) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni applikat l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A, il-profitt u d-deprezzament kif innotati fil-premessa (203). Dawn ġew iddeterminati abbażi tar-rapporti finanzjarji ta' Fraser and Neave Holdings BHD kif spjegat fit-taqsima 3.2.2.

(211) Imbagħad, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u d-deprezzament mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura sabiex tasal għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni. Kif spjegat fil-premessa (192), dan kien jammonta b'kollox għal madwar 6 % tal-kostijiet diretti tal-manifattura ta' kull kumpanija inkluża fil-kampjun. Il-kalkolu tal-persentaġġi ġenerali użati ġie ddivulgat lil kull kumpanija inkluża fil-kampjun.

(212) Mal-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profitti ta' Fraser and Neave Holdings BHD. L-SG&A, espressi bħala persentaġġ tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 17 %. Il-profitt, espress bħala persentaġġ tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 19 %.

(213) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kummerċ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(214) Fir-rigward ta' Sunflower Group, il-produttur esportatur esporta lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni jew permezz ta' kummerċjanti mhux relatati barra mill-Unjoni.

(215) Fir-rigward ta' Tongfa Group, il-produttur (Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd - minn hawn 'il quddiem "ZT") biegħ għall-ewwel darba l-prodott ikkonċernat lil kummerċjant relatat (Fujian Tongfa Foods Group Co., Ltd - minn hawn 'il quddiem "FT"). Imbagħad, FT biegħ lill-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni jew permezz ta' kummerċjanti relatati barra mill-Unjoni.

(216) Il-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ gruppi kien il-prezz effettivament imħallas jew li jista' jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.4. **Tqabbil**

(217) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u tagħmel konċessjonijiet għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Kif spjegat ulterjorment hawn taħt, fejn xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) jiġu nnettjati lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u (ii) jagħmlu konċessjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew iddikjarati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.4.1. *Aġġustamenti magħmula fil-valur normali*

(218) Kif spjegat fil-premessa (210), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti għall-SG&A (minbarra t-trasport) u għall-profitti, li tqiesu bħala raġonevoli għal dak il-livell tal-kummerċ. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

3.4.2. *Aġġustamenti magħmula fil-prezz tal-esportazzjoni*

(219) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi lura nett għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti minħabba l-merkanzija interna, l-immaniġġar tat-tagħbija u l-ispejjeż anċillari.

(220) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kostijiet ta' kreditu, l-imposti bankarji u l-imballaġġ.

(221) Fir-rigward ta' Tongfa Group, peress li l-bejgħ kollu tal-Unjoni sar permezz ta' kummerċjant relatat fiċ-Ċina (FT), sar aġġustament għall-prezz tal-esportazzjoni biex ikopri l-SG&A u l-profitti tal-kummerċjant relatat skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Is-sors u l-livell ta' dawn ir-rati ġew divulgati lill-parti kkonċernata.

(222) Fir-rigward ta' Sunflower Group, il-metodu użat għall-kalkolu tal-kostijiet ta' kreditu ġie diskuss matul il-verifika. Il-kumpanija użat ir-rati tal-imgħax tas-sistema kummerċjali tal-kambju taċ-Ċina ([108]). It-tim inkarigat mill-każ enfasizza matul il-verifika li dawn ir-rati tal-imgħax ma kinux xierqa peress li ma kinux ir-rata tal-imgħax imposta mill-banek kummerċjali għal self kummerċjali. Għalhekk, it-tim inkarigat mill-każ talab lill-kumpanija tirrieżamina l-livell tar-rata tal-imgħax għall-kalkolu tal-kostijiet ta' kreditu. Madankollu, Sunflower Group ma pprovda l-ebda data riveduta fir-rigward tar-rati tal-imgħax.

(223) Għalhekk, il-Kummissjoni ħarġet ittra skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tinforma lil Sunflower Group dwar il-proposta tagħha li tibbaża l-kostijiet ta' kreditu fuq il-fatti disponibbli.

(224) Sunflower Group wieġeb billi ddikjara li huma użaw r-rati disponibbli għalihom f'dak il-mument u li jekk il-Kummissjoni tuża rati alternattivi, dawn jenħtieġ li jirriflettu b'mod raġonevoli s-sitwazzjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali.

(225) Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li, fir-rigward tal-kalkolu tal-kostijiet ta' kreditu, jenħtieġ li japplika l-Artikolu 18, li jfisser li l-kostijiet ta' kreditu jenħtieġ li jiġu kkalkolati bl-użu tal-fatti disponibbli. Għalhekk, il-kostijiet ta' kreditu ġew ikkalkolati bl-użu tar-rati tal-Bank taċ-Ċina. Dawn ir-rati kienu jirriflettu b'mod aktar raġonevoli r-rati applikabbli għal self kummerċjali.

([108]) Sors - www.chinamoney.com.cn/.

(226) Fir-rigward taż-żewġ esportazzjonijiet tal-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun lejn l-Unjoni, dawn saru fuq bażi FOB. Għalhekk, il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-prezzijiet CIF, biż-żieda tat-trasport tal-merkanzija fl-oċeani u tal-assigurazzjoni għal dan, ġiet diskussa matul il-verifika. Instab li ż-żewġ kumpaniji kienu ssottovalutaw dawn ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani. Għalhekk, it-tim inkarigat mill-każ talab lill-kumpanija tirrieżamina l-livell tar-rati tat-trasport tal-merkanzija għall-kalkolu tal-prezzijiet CIF. Madankollu, il-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma pprovdew l-ebda data riveduta dwar ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani, u lanqas il-prezzijiet CIF stmati.

(227) Għalhekk, il-Kummissjoni ħarġet ittra skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tinforma liż-żewġ gruppi bil-proposta tagħha li tibbaża r-rati tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar fuq il-fatti disponibbli peress li d-data pprovduta kienet falza jew qarrieqa u peress li, fi kwalunkwe każ, il-kumpanija kienet naqset milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-limitu ta' żmien preskritt mill-Kummissjoni.

(228) Sunflower Group wieġeb billi ddikjara li kiseb ir-rati użati minn klijent u kopra perjodu ta' 15-il jum f'Lulju 2024. Għalhekk, Sunflower Group ma qabilx li l-informazzjoni kienet falza jew qarrieqa. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li r-rati tat-trasport tal-merkanzija fil-perjodu ta' investigazzjoni varjaw sostanzjalment u matul il-perjodu ta' 15-il jum f'Lulju 2024, ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani kienu għoljin ħafna. Il-Kummissjoni qieset li ma huwiex xieraq li dawn ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani jintużaw għall-perjodu kollu tal-investigazzjoni u sabet li kien qarrieqi min-naħa ta' Sunflower Group li ppreżenta tali informazzjoni filwaqt li sostniet li dawn ir-rati jenħtieġ li jiġu applikati għall-IP kollu.

(229) Tongfa Group wieġeb għall-ittra tal-Artikolu 18 billi ddikjara li kkoopera bl-aħjar mod li seta' u ma kkunsidrax li l-informazzjoni li pprovda kienet falza jew qarrieqa. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li d-data pprovduta kienet preċiża għal madwar 70 % biss tal-bejgħ lill-Unjoni skont il-piż nett. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni indikat li għat-30 % tal-bejgħ li jifdal, l-approċċ meħud ma qiesx id-data tal-konsenja u konsegwentement, l-approċċ meħud għal tali bejgħ ma kienx preċiż b'mod ċar. Għalhekk, kien xieraq li jiġu kkalkolati mill-ġdid ir-rati tat-trasport tal-merkanzija għal 30 % tal-bejgħ tal-Unjoni.

(230) Sunflower Group ippropona li l-Kummissjoni użat il-kostijiet effettivi tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani mġarrba mill-prodotturi esportaturi f'investigazzjonijiet anti-dumping oħrajn. Madankollu, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda peress li r-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani użati mill-Kummissjoni kienu relatati mal-prodott ikkonċernat u għalhekk kienu aktar akkurati.

(231) Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li, fir-rigward tal-kalkolu tal-prezzijiet CIP, jenħtieġ li japplika l-Artikolu 18, li jfisser li r-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani jenħtieġ li jiġu kkalkolati bl-użu tal-fatti disponibbli. Dawn ir-rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani ġew ikkalkolati bl-użu ta' informazzjoni medja fix-xahar tal-erba' klijenti tal-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Tali rati tat-trasport tal-merkanzija bl-oċeani tqiesu xierqa peress li kienu relatati mal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(232) Ir-rati involuti ġew divulgati lill-prodotturi inklużi fil-kampjun.

3.5. **Marġnijiet tad-dumping**

(233) Għall-prodotturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(234) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	*Marġni tad-dumping proviżorju*
Sunflower Group: — Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina — Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina	42,4 %

Kumpanija	*Marġni tad-dumping proviżorju*
Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina	54,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	48,1 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	54,3 %

(235) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit abbażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, mingħajr ma jitqiesu l-marġnijiet tal-produtturi esportaturi b'marġnijiet ta' dumping żero u *de minimis*. Kif spjegat fil-premessi (40) sa (42) hawn fuq, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 18 għal għadd limitat ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw id-data pprovduta minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u fil-biċċa l-kbira tagħha rrevediet id-data tal-kumpaniji minflok ma ssostitwietha b'data oħra. L-applikazzjoni tal-Artikolu 18 ma kellhiex impatt kbir fuq il-kalkolu tal-valur normali. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għal kumpaniji oħrajn li kkooperaw abbażi tal-marġnijiet tad-dumping stabbiliti għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(236) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 48,1 %.

(237) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-Eurostat.

(238) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu 90 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat inkluża fil-kampjun eżaminata fuq bażi individwali bl-ogħla marġini tad-dumping.

4. **DANNU**

4.1. **Unità ta' kejl**

(239) L-istatistika dwar l-importazzjoni hija rrapportata fil-Eurostat (Comext) bħala l-piż nett, li jirrappreżenta l-piż relatat mal-qalba tal-qamħirrum u l-likwidu. Konsegwentement, il-piż nett jintuża bħala l-unità ta' kejl matul din l-investigazzjoni.

4.2. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(240) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn 11-il produttur u grupp ta' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(241) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 259 400 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli li tirrigwarda l-industrija tal-Unjoni, bħal informazzjoni diretta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-produtturi tal-Unjoni li jappoġġaw l-ilment. Kif indikat fil-premessa (30), iż-żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn [29 - 38] % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(242) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-bejgħ magħmul mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u tad-data dwar l-importazzjonijiet mill-Eurostat.

(243) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (tunnellati/piż nett)

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni (tunnellati/piż nett)	299 021	307 619	295 208	272 245
Indiċi	*100*	*103*	*99*	*91*

Sors: Data mill-industrija tal-Unjoni u mill-Eurostat (Comext).

(244) Il-konsum totali tal-Unjoni żdied bi 3 % bejn l-2021 u l-2022 minn madwar 299 020 tunnellata fl-2021 għal madwar 327 620 tunnellata fl-2022. Bejn l-2022 u l-2023, il-konsum naqas b'4 punti perċentwali għal madwar 295 208 tunnellati. Sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, il-konsum kompla jonqos bi 8 punti perċentwali għal 272 245 tunnellata.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(245) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-data tal-Eurostat (Comext). Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tad-data tal-Eurostat disponibbli.

(246) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Il-kwantità ta' importazzjonijiet (tunnellati/piż nett) u s-sehem mis-suq

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati/piż nett)	6 484	17 712	46 631	40 052
Indiċi	*100*	*273*	*719*	*618*
Sehem mis-suq (%)	2	6	16	15

Sors: Data mill-industrija tal-Unjoni u mill-Eurostat (Comext)

(247) Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina wera żieda qawwija matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu bejn l-2021 u l-2022 b'173 % minn madwar 6 500 tunnellata għal 17 710 tunnellati, dawn żdiedu f'daqqa bejn l-2022 u l-2023 b'446 punt perċentwali għal 46 631 tunnellata. Sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet tnaqqsu bi ftit għal madwar 40 050 tunnellata, u baqgħu f'livell sostanzjali ħafna.

(248) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina wera żvilupp simili bħall-volum tal-importazzjonijiet, b'żieda qawwija minn 2 % fl-2021 għal 15 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.5. **Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz**

(249) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' EUR għal kull tunnellata (piż nett) irrapportat fl-istatistika tal-Eurostat (Comext). It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet CIF għall-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(250) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (tunnellati/piż nett)

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju mill-pajjiż ikkonċernat	1 164	1 570	1 285	1 192
Indiċi	*100*	*135*	*110*	*102*

Sors: Eurostat (Comext)

(251) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ wera żieda ta' 35 % bejn l-2021 u l-2022 minn EUR 1 164 għal kull tunnellata għal EUR 1 570 għal kull tunnellata. Madankollu, dawn il-prezzijiet naqsu b'25 punt perċentwali fl-2023. Il-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu biss 2 % ogħla milli fl-2021. B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjoni baqgħu sostanzjalment aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Unjoni kif riflessi fit-Tabella 8.

(252) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbura mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

(2) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-prodotturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u noll (CIF, Cost, Insurance, Freight), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali, għad-dazju konvenzjonali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(253) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala persentaġġ tal-fatturat teoretiku tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat sinifikanti tat-twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 7,2 % u 28,6 % permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

(254) L-aġġustamenti magħmula għall-prezz tal-esportazzjoni kif deskritt fit-taqsima 3.4.2 hawn fuq japplikaw ukoll għall-prezzijiet CIF użati fil-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz.

(255) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mis-sejbiet tat-twaqqigħ tal-prezz, il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, speċjalment permezz tal-mekkaniżmu tal-offerti, kif spjegat hawn taħt fit-taqsima 4.6.4 u kkawżaw tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-bejgħ u fis-sehem mis-suq tal-prodotturi tal-Unjoni.

4.6. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.6.1. *Kummenti ġenerali*

(256) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(257) Kif imsemmi fil-premessa (30), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(258) Is-suq tal-qamħirrun huwa kkaratterizzat bl-eżistenza ta' żewġ rotot ta' bejgħ, jiġifieri bejgħ bil-marka tal-produttur innifsu u bejgħ bil-marka tal-bejjiegħ bl-imnut. Il-bejgħ tal-marka tal-bejjiegħ bl-imnut bi prezzijiet orħos huma f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u huma taħt pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet u rrappreżentaw madwar 70 % tal-bejgħ fl-Unjoni matul il-PI u [35 – 55 %] għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-bejgħ marbuta mal-prodotti tal-marka proprja normalment jiġġenera kostijiet ogħla ta' bejgħ diretti b'mod partikolari lejn kummerċjalizzazzjoni u reklamar, u jeżiġi wkoll prezzijiet ogħla tal-bejgħ. L-evidenza miġbura mill-Kummissjoni tindika l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet anki fir-rigward ta' dan it-tieni mezz ta' bejgħ. Essenzjalment, l-evidenza miġbura mill-Kummissjoni indikat l-eżistenza ta' dannu kkawżat mill-prodott ikkonċernat kollu kemm hu, irrispettivament mill-kanal tal-bejgħ.

(259) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-data li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju sottomessa mill-ilmentatur li tkopri d-data relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-data kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(260) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(261) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.6.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.6.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(262) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità tal-produzzjoni (tunnellati)	368 786	319 410	375 541	333 973
Indiċi	*100*	*87*	*102*	*91*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	436 428	449 694	463 575	471 406
Indiċi	*100*	*103*	*106*	*108*
Użu tal-kapaċità (%)	85	71	81	71
Indiċi	*100*	*84*	*96*	*84*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat.

(263) Il-volum tal-produzzjoni naqas bi 13 % bejn l-2021 u l-2022 minn madwar 368 790 tunnellata għal madwar 319 410 tunnellati. Dan l-iżvilupp jista' jkun marbut mal-ħsad ħażin tal-qamħirrum li huwa deskritt fil-premessa (313), li rriżulta f'volumi ta' produzzjoni aktar baxxi. Fl-2023, il-volum tal-produzzjoni żdied bi 15-il punt perċentwali għal madwar 375 540 tunnellata, li jirrappreżenta rkupru mill-ħsad ħażin fl-Unjoni. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kwantità tal-produzzjoni reġgħet naqset b'mod sinifikanti bi 11-il punt perċentwali għal madwar 333 970 tunnellata, li jikkoinċidi maż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi. B'mod ġenerali, il-volum tal-produzzjoni naqas b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(264) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni wriet żieda kostanti ta' 8 % matul il-perjodu kkunsidrat minħabba investimenti li ġew deċiżi qabel iż-żieda tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Bejn l-2021 u l-2022, il-kapaċità żdiedet bi 3 %, li ġiet segwita minn żieda oħra ta' 3 punti perċentwali fl-2022 u 2 punti perċentwali addizzjonali matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(265) L-użu tal-kapaċità segwa x-xejra fil-kwantità tal-produzzjoni. Bejn l-2021 u l-2022, naqas minn 85 % għal 71 %, segwit minn żieda sa 81 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-użu tal-kapaċità reġa' naqas għal 71 %.

4.6.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(266) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati (tunnellati)	284 883	279 277	241 039	225 854
Indiċi	*100*	*98*	*85*	*79*
Sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (%)	95	91	82	83
Indiċi	*100*	*96*	*86*	*88*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat

(267) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti b'21 %. Bejn l-2021 u l-2022 il-volum tal-bejgħ naqas bi 2 % minn madwar 284 880 tunnellati għal madwar 279 280 tunnellata. Fl-2023, il-bejgħ naqas b'mod sinifikanti bi 13-il punt perċentwali għal madwar 241 040 tunnellata. Matul l-investigazzjoni, il-bejgħ naqas b'6 punti perċentwali addizzjonali għal madwar 225 850 tunnellata.

(268) F'termini ta' sehem mis-suq, il-bejgħ tal-Unjoni naqas minn 95 % fl-2021 għal 91 % fl-2022, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 4 %. Fl-2023, is-sehem mis-suq naqas b'mod sinifikanti għal 82 %, tnaqqis ta' 14 % meta mqabbel mal-2021. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, is-sehem mis-suq żdied bi ftit, b'punt perċentwali wieħed (1), għal 83 %.

(269) It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ fl-2022 jista' jkun marbut mal-ħsad ħażin li huwa msemmi fil-premessa (313) u l-volum tal-produzzjoni mnaqqas li huwa rrapportat fit-Tabella 5. Madankollu, it-tnaqqis ewlieni fil-volum tal-bejgħ tal-Unjoni fl-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni kien dovut għall-penetrazzjoni fis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet li kienu inqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni kif muri fil-premessa (253).

(270) L-iżvilupp tas-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat kien affettwat mill-istess fatturi u t-telf ewlieni tas-sehem mis-suq fl-2023 ikkoinċida maż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

4.6.2.3. Tkabbir

(271) L-industrija tal-Unjoni tilfet 12-il punt perċentwali tas-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat minħabba l-importazzjonijiet miċ-Ċina. Il-volum tal-bejgħ naqas b'mod sinifikanti b'21 %. It-telf ewlieni fis-sehem mis-suq jista' jiġi attribwit għall-importazzjonijiet miċ-Ċina peress li kkoinċida maż-żieda fis-sehem mis-suq Ċiniż, li żdied b'mod sinifikanti minn 2 % għal 15 % matul il-perjodu kkunsidrat, u qabeż it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni li naqas b'9 %. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma esperjenzat l-ebda tkabbir f'termini ta' volumi ta' produzzjoni u ta' bejgħ, minkejja l-espansjoni fil-kapaċità tal-produzzjoni.

4.6.2.4. Impjiegi u produttività

(272) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	3 648	3 449	3 658	3 456
Indiċi	*100*	*95*	*100*	*95*
Produttività (tunnellati/impjegat)	101	93	103	97
Indiċi	*100*	*92*	*102*	*96*

Sors: Makrokwestjonarju vverifikat

(273) L-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'5 % minn madwar 3 460 impjegat full-time ("FTEs, full time employees") fl-2021 għal 3 456 FTEs matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan l-iżvilupp isegwi, fil-biċċa l-kbira tiegħu, ix-xejra fil-kapaċità tal-produzzjoni murija fit-Tabella 5.

(274) Peress li ċ-ċifri għall-produzzjoni u għall-impjiegi huma marbuta mill-qrib, il-produttività f'termini ta' tunnellati għal kull impjegat hija konformi max-xejra tal-volum tal-produzzjoni murija fit-Tabella 5.

4.6.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(275) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, b'kunsiderazzjoni tal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(276) Il-qamħirrum kien soġġett għal investigazzjoni anti-dumping preċedenti. Fl-2007 ġew imposti miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet mit-Tajlandja ([109]) u dawn ġew estiżi wara r-rieżamijiet ta' skadenza fl-2013 ([110]) u fl-2019 ([111]). Wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-industrija tal-Unjoni setgħet tirkupra, tal-anqas parzjalment, il-livell ta' profittabbiltà u s-sehem mis-suq tagħha.

([109]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 682/2007 tat-18 ta' Ġunju 2007 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod kollettiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat u li joriġina mit-Tajlandja, ĠU L 159, 20.6.2007, p. 14–25, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/682/oj.

([110]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 875/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, ĠU L 244, 13.9.2013, p. 1–18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/875/oj.

([111]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1996 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036, ĠU L 310, 2.12.2019, p. 6–28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1996/oj.

4.6.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.6.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(277) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (EUR/tunnellata)	[1 302 - 2 028]	[1 473 - 2 294]	[1 754 - 2 732]	[1 843 - 2 870]
Indiċi	*100*	*113*	*135*	*142*
Kost ta' unità medju tal-kost tal-oġġetti mibjugħa (EUR/tunnellata)	[1 146 - 1 784]	[1 323 - 2 059]	[1 590 - 2 476]	[1 655 - 2 577]
Indiċi	*100*	*115*	*139*	*144*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(278) Il-prezz medju tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied matul il-perjodu kkunsidrat bi 42 %. Bejn l-2021 u l-2022, il-prezz medju tal-bejgħ żdied bi 13 % minn [1 302 - 2 028] EUR/tunnellata għal [1 473 - 2 294] EUR/tunnellata. Fl-2023, il-prezz medju tal-bejgħ naqas bi 22 punt perċentwali addizzjonali għal [1 754 - 2 732] EUR/tunnellata. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju tal-bejgħ żdied b'7 punti perċentwali oħra għal [1 843 - 2 870] EUR/tunnellata.

(279) Din ix-xejra pożittiva apparenti fil-prezzijiet medji tal-bejgħ jenħtieġ li titqies fil-kuntest ta' żieda importanti fil-kostijiet, speċjalment il-kost tal-materja prima relatata mal-qamħirrum, il-laned, u l-enerġija. Minkejja ż-żidiet fil-prezzijiet tal-bejgħ, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma setgħux iżidu l-prezzijiet f'livelli suffiċjenti, f'konformità sħiħa maż-żidiet fil-kostijiet.

(280) Il-kost medju ta' unità tal-kost tal-oġġetti mibjugħa żdied bejn l-2021 u l-2022 bi 15 % minn [1 146 – 1 784] EUR/tunnellata għal [1 323 - 2 059] EUR/tunnellata. Fl-2023, il-kost kompla jiżdied għal [1 590 - 2 476] EUR/tunnellata, li jirrappreżenta żieda addizzjonali ta' 24 punt perċentwali meta mqabbel mal-2022. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost medju ta' unità għal kull tunnellata żdied b'5 punti perċentwali għal [1 655 - 2 577] EUR/tunnellata. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat deskritt fil-premessa (250) baqgħu konsistentement taħt il-kost unitarju medju tal-kost tal-oġġetti mibjugħa.

4.6.3.2. Kostijiet lavorattivi

(281) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[29 702 - 46 250]	[34 296 - 53 404]	[30 203 - 47 030]	[33 281 - 51 823]
Indiċi	*100*	*115*	*102*	*112*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(282) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu fl-2022 bi 15 %, segwiti minn tnaqqis ta' 13 % fl-2023. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat reġgħu żdiedu bi 12 %. Iż-żieda fil-kostijiet lavorattivi medji kienet marbuta ma' żidiet fil-pagi minimi minħabba l-inflazzjoni.

4.6.3.3. Inventarji

(283) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Stokks

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	[72 917 - 113 542]	[70 300- 109 467]	[89 648- 139 596]	[112 712- 175 509]
Indiċi	*100*	*96*	*123*	*155*
Stokk tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	[143 - 222]	[150 - 234]	[274 - 427]	[355 - 553]
Indiċi	*100*	*105*	*192*	*249*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(284) Bejn l-2021 u l-2022, l-istokk tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqas b'4 % minn [72 917 - 113 542] għal [70 300 - 109 467] tunnellata. Madankollu, fl-2023, l-istokk tal-għeluq żdied b'mod sostanzjali b'27 punt perċentwali, [89 648 - 139 596] tunnellata, b'żieda saħansitra akbar bi 32 punt perċentwali addizzjonali meta mqabbla mal-2021, [112 712 - 175 509] tunnellati.

(285) Il-livell imnaqqas tal-istokks tal-2022 jista' jkun marbut mal-ħsad ħażin fl-Unjoni. Filwaqt li l-livell miżjud tal-istokks jista' jkun marbut ma' effett staġunali fi tmiem is-sena kalendarja, iż-żieda sostanzjali fl-inventarji fl-2023 u l-IP kienet effett ċar taż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li jindika li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux ibigħu l-prodotti tagħhom.

4.6.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(286) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[8 - 13]	[7 - 11]	[7 - 10]	[7 - 11]
Indiċi	*100*	*85*	*78*	*85*
Il-fluss tal-flus (EUR)	[8 548 316-13 310 950]	[- 7 179 488- - 11 179 489]	[- 26 396 595- - 41 103 270]	[- 299 781- - 466 801]
Indiċi	*100*	*- 84*	*- 309*	*- 4*
Investimenti Netti (EUR)	[5 084 019-7 916 544]	[9 363 438-14 580 211]	[14 746 664-22 962 663]	[12 310 955-19 169 915]
Indiċi	*100*	*184*	*290*	*242*
Redditu fuq l-investimenti (%)	[17 - 27]	[15 - 23]	[14 - 21]	[13 - 20]
Indiċi	*100*	*88*	*79*	*76*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(287) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(288) Il-profittabbiltà naqset bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(289) Minkejja li kienet għadha profittabbli, l-industrija tal-Unjoni baqgħet b'mod kostanti taħt il-profitt fil-mira ta' 14 % matul il-perjodu kkunsidrat. Ix-xejra fir-rigward tal-profittabbiltà jenħtieġ li titqies fid-dawl tat-tnaqqis sinifikanti fil-volumi tal-bejgħ, tat-tnaqqis fil-produzzjoni, fl-użu tal-kapaċità, u fl-impjiegi, kif ukoll taż-żieda sinifikanti fil-livelli tal-istokks u tal-effett imdewwem tas-sejħiet għall-offerti u tad-durata annwali tal-kuntratti. Essenzjalment, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm livell ta' profittabbiltà pożittiv iżda għad-detriment tal-volumi tal-bejgħ tagħha.

(290) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Bejn l-2021 u l-2022, il-fluss tal-flus naqas b'mod drammatiku b'184 %. Fl-2023, il-fluss tal-flus kompla jonqos b'225 punt perċentwali. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-fluss tal-flus irkupra għal kważi l-istess livell bħal fl-2021.

(291) Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun komplew jinvestu matul il-perjodu kkunsidrat, kif muri miċ-ċifri tal-investiment ta' hawn fuq. L-investimenti żdiedu b'84 % minn [5 084 019 - 7 916 544] EUR fl-2021 għal [9 363 438 - 14 580 211] EUR fl-2022. Fl-2023, l-investimenti żdiedu b'96 % għal [14 746 664 - 22 962 663] EUR. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-investimenti żdiedu bi 38 % għal [12 310 955 - 19 169 915] EUR. Saru investimenti għall-espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni kif deskritt fit-Tabella 5 u għas-sostituzzjoni tat-tagħmir. B'mod ġenerali, l-industrija hija intensiva ħafna fl-użu tal-kapital bil-ħtieġa ta' investimenti kbar f'faċilitajiet ta' produzzjoni. L-industrija tal-Unjoni setgħet tiġbor il-kapital meħtieġ. Madankollu, f'każ li ma tiġi imposta l-ebda miżura, se jkunu f'riskju mhux biss l-investimenti futuri iżda anke l-futur tal-pjanijiet ta' produzzjoni eżistenti.

(292) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Bejn l-2021 u l-2022, dan naqas bi 12 % minn [17 - 27] % għal [15 - 23] %. Fl-2023, ir-redditu fuq l-investiment kompla jonqos b'9 % għal [14 - 21]%. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-redditu fuq l-investiment irreġistra tnaqqis addizzjonali ta' 3 % għal [13 - 20] %.

4.6.4. *Analiżi tas-sejħa għall-offerti*

(293) Il-prodotti tal-marka tal-bejjiegħa bl-imnut kienu jirrappreżentaw madwar 70 % tal-bejgħ totali tal-qamħirrum fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat u madwar [35–55]% tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-qamħirrum kollu bil-marka tal-bejjiegħ bl-imnut jinbiegħ fl-Unjoni permezz ta' proċessi ta' sejħa għall-offerti. Matul il-proċess tal-bejgħ b'sejħa għall-offerti, il-produtturi tal-Unjoni jikkompetu indirettament mal-produtturi esportaturi Ċiniżi li jbigħu l-prodotti tagħhom permezz tal-importaturi. Sabiex tikseb l-għarfien meħtieġ dwar is-suq tal-qamħirrun, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dettaljata dwar sejħiet għall-offerti mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mill-importaturi. Intalbet informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sejħa għall-offerti, bħall-proċess, iż-żmien u karatteristiċi rilevanti oħra.

(294) L-investigazzjoni wriet li s-sejħiet għall-offerti jistgħu jiġu organizzati f'forom differenti, bħal pjattaformi online jew permezz ta' posta elettronika, telefown, jew komunikazzjoni personali, skont il-mudell tan-negozju u tal-bejgħ tal-partijiet li jinnegozjaw. In-negozjati dwar is-sejħa għall-offerti jsiru bejn Mejju u Awwissu ta' sena partikolari għall-bejgħ li jkopri s-sena ta' wara n-negozjati.

(295) Il-proċess tas-sejħa għall-offerti jsir fi stadji differenti. L-ewwel nett, il-produtturi tal-qamħirrum tal-Unjoni jitolbu informazzjoni mingħand il-bejjiegħa bl-imnut dwar il-ħtieġa tagħhom ta' prodotti bil-marka proprja u bil-marka tal-bejjiegħ bl-imnut. Il-bejjiegħa bl-imnut jirrispondu bil-ħtieġa tal-volum tagħhom. Bejjiegħ bl-imnut jista' jibda wkoll diskussjonijiet dwar is-sejħa għall-offerti billi jitlob dettalji dwar il-volumi disponibbli li l-produtturi jistgħu jbigħu lill-bejjiegħa bl-imnut. Il-bejjiegħa bl-imnut normalment jibdew diskussjonijiet ma' diversi produtturi fl-istess ħin, inklużi produtturi tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni. Fit-tieni pass, il-produtturi tal-qamħirrum jirrispondu għat-talba tal-bejjiegħ bl-imnut b'offerti ta' volum u bi prezzijiet korrispondenti. It-tielet, il-bejjiegħ bl-imnut u l-produtturi tal-qamħirrum tal-Unjoni jew l-importaturi tal-UE jidħlu f'negozjati, li tipikament jiffokaw fuq il-prezz tal-qamħirrum. Għall-qamħirrum bil-marka proprja, il-bejjiegħa bl-imnut ġeneralment jinnegozjaw fuq il-prezz, u mhux fuq il-volum. Ir-raba', il-bejjiegħ bl-imnut jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-volum fost il-produtturi u l-forniturі differenti tal-qamħirrum, u l-partijiet jiffinalizzaw il-ftehim tal-bejgħ għas-sena li jmiss. Il-ħames, ladarba jitlestew in-negozjati, il-produtturi tal-qamħirrum tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni jfornu l-volum miftiehem matul il-perjodu ta' Settembru-Awwissu bi prezzijiet innegozjati.

(296) L-importazzjonijiet Ċiniżi għandhom impatt fuq in-negozjati tas-sejħa għall-offerti peress li jfixklu l-kapaċità li jiġu nnegozjati prezzijiet ġusti u jnaqqsu l-għadd ta' offerti rebbieħa. B'riżultat ta' dan, il-volumi tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kellhom jitnaqqsu, l-industrija hija soġġetta għal kostijiet fissi għoljin li baqgħu l-istess u għalhekk il-kostijiet fissi għal kull unità żdiedu. L-importazzjonijiet Ċiniżi kellhom ukoll impatt b'mod indirett fuq il-bejgħ tal-prodott bil-marka proprja, meta jitqies li l-konsumaturi għandhom it-tendenza li jkunu sensittivi għall-prezz u jippreferu jixtru l-irħas prodott bil-marka tal-bejjiegħ bl-imnut jekk id-differenza fil-prezz meta mqabbla mal-prodotti bil-marka proprja tkun sinifikanti. L-informazzjoni ppreżentata mill-produttur tal-Unjoni kkonfermat ukoll tnaqqis sinifikanti fil-proporzjon tal-offerti mirbuħa minn dan tal-aħħar.

(297) Minħabba n-natura tal-offerti u taċ-ċiklu tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-qamħirrum, jeħtieġ li jitqies ukoll effett imdewwem tal-importazzjonijiet. Meta jitqies li l-offerti jiġu nnegozjati għas-sena ta' wara, li tibda minn Settembru, l-effett fuq il-volumi u l-prezzijiet tal-bejgħ se jidħol fis-seħħ biss fis-sena ta' wara. Għalhekk, l-effett tal-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-prezzijiet Ċiniżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni għadu ma huwiex kompletament viżibbli peress li se jkomplu jiżviluppaw biss wara l-perjodu kkunsidrat. Kif deskritt fil-premessa (289), il-livelli tal-ħażniet żdiedu b'mod sinifikanti għad-detriment tal-volumi tal-bejgħ.

4.7. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(298) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni seħħ f'suq b'domanda li naqset bi ftit. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum naqas b'9 %, iżda s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod aktar sinifikanti, minn 95 % fl-2021 għal 83 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan kien marbut mal-pressjoni fuq il-prezzijiet iġġenerata mill-importazzjonijiet Ċiniżi, bi twaqqigħ sinifikanti tal-prezzijiet u, fi kwalunkwe każ, mat-trażżin tal-prezzijiet meta jitqies li l-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu kostantement taħt il-kostijiet unitarji medji tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħa. Tali trażżin tal-prezzijiet impedixxa lill-industrija tal-Unjoni milli taġġusta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha kompletament f'konformità maż-żidiet fil-prezzijiet relatati mal-materja prima, li rriżulta fi profitt li naqas b'mod kostanti taħt il-profitt fil-mira matul il-perjodu kkunsidrat, flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-bejgħ.

(299) Minkejja li l-iżvilupp fil-prezzijiet tal-bejgħ wera xejra pożittiva matul il-perjodu kkunsidrat b'żieda ta' 42 %, dan kien marbut maż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija. Madankollu, iż-żidiet fil-prezz tal-bejgħ ma ppermettewx li jiġu koperti kompletament iż-żidiet fil-prezz tal-materja prima li kienu riflessi fiż-żieda ta' 44 % tal-kost ta' unità medju tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħa u rriżultaw fit-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-bejgħ ta' 21 %.

(300) Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi wrew xejra negattiva, bi profitt imnaqqas ta' 21 % u tnaqqis fil-fluss tal-flus ta' -104 %. Il-volumi tal-bejgħ u tal-produzzjoni, kif ukoll l-użu tal-kapaċità naqsu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u dan jindika dannu fil-volum. L-istokks tal-għeluq ta' oġġetti lesti kienu affettwati mill-importazzjonijiet Ċiniżi u żdiedu b'mod sinifikanti, li kellu wkoll impatt negattiv fuq il-fluss tal-flus u żied b'mod sostanzjali l-kostijiet fissi. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu kostantement taħt il-livell tal-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet unitarji medji tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħa. L-iżvilupp tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fid-dawl tal-kwantitajiet dejjem jiżdiedu u tal-indikaturi negattivi tad-dannu wera b'mod ċar pressjoni fuq il-prezzijiet.

(301) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha twettaq investimenti biex tespandi l-kapaċitajiet tal-produzzjoni. Filwaqt li d-deċiżjonijiet biex jitwettqu dawk l-investimenti ttieħdu qabel iż-żieda tal-importazzjonijiet Ċiniżi, investimenti futuri jistgħu jkunu f'riskju f'każ li ma tiġi imposta l-ebda miżura.

(302) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. **KAWŻALITÀ**

(303) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi magħrufa huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, it-tnaqqis fil-konsum u fatturi oħra, inkluż il-ħsad ħażin tal-qamħirrum fl-2022 fl-UE, l-għargħar fit-Tajlandja, u l-impatt tal-gwerra tal-Ukrajna fuq il-materja prima u l-kostijiet tal-enerġija.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(304) Kif muri fit-Tabella 3, il-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina żdied b'mod sinifikanti minn 6 480 tunnellata fl-2021 għal 40 050 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. F'termini ta' sehem mis-suq, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina żdiedu minn 2 % fl-2021 għal 15 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(305) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi dejjem kien ferm taħt il-prezz medju u l-kost unitarju medju tal-kost tal-oġġetti mibjugħa tal-industrija tal-Unjoni. Bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet medji Ċiniżi tal-importazzjoni naqsu b'mod sinifikanti bi 33 %, filwaqt li t-twaqqigħ tal-prezz ġie kkonfermat fil-premessa (254).

(306) Dawn l-osservazzjonijiet ikkoinċidew ma' tnaqqis ta' 12 % fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat minn 95 % fl-2021 għal 83 %. Dan it-tnaqqis qabeż it-tnaqqis fil-konsum ta' 9 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(307) L-importazzjonijiet Ċiniżi wrew effett negattiv konsiderevoli fuq il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, li naqsu b'mod sinifikanti fl-2023, u l-perjodu ta' investigazzjoni kif deskritt fil-premessa (266). Il-volum tal-produzzjoni naqas b'9 punti perċentwali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-istess ħin, il-proporzjon tal-industrija tal-Unjoni ta' offerti li ntgħażlu naqas b'mod sinifikanti, filwaqt li l-istokkijiet (f'termini assoluti, u anke f'termini ta' produzzjoni kif ukoll bejgħ) żdiedu b'mod sostanzjali. Tali xejriet, b'mod partikolari dawk fuq il-volumi tal-bejgħ u l-ishma mis-suq jistgħu jkunu marbuta ma' dannu fil-volum ikkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(308) Kif spjegat fil-premessa (255), l-importazzjonijiet miċ-Ċina kkawżaw trażżin tal-prezzijiet fl-industrija tal-Unjoni fl-2023. Tali trażżin tal-prezzijiet kien ifisser li, filwaqt li l-kost ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni żdied b'aktar minn 30 % fl-2022 u bi 13 % addizzjonali fl-2023 minħabba ż-żieda fil-materja prima u fil-kostijiet tal-enerġija, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jaġġustaw il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom f'konformità sħiħa maż-żieda fil-prezz relatata mal-materja prima. Bħala riżultat ta' din is-soppressjoni tal-prezzijiet, il-profittabbiltà naqset matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm il-profitt baqa' pożittiv, baqa' taħt il-profitt fil-mira matul il-perjodu kkunsidrat. Il-koinċidenza fiż-żmien bejn id-deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u l-preżenza sinifikanti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina, it-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u t-trażżin tal-livelli tal-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni, tikkonferma rabta kawżali bejn it-tnejn.

(309) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(310) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
It-Tajlandja	Volum (tunnellati)	4 345	4 863	3 293	3 638
	Indiċi	*100*	*112*	*76*	*84*
	Sehem mis-suq (%)	1,4	1,5	1,1	1,3
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 115	1 392	1 186	1 264
	Indiċi	*100*	*125*	*106*	*113*

Pajjiż		2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	7 654	10 630	7 538	6 339
	Indiċi	*100*	*139*	*98*	*83*
	Sehem mis-suq (%)	2,4	3,2	2,4	2,2
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 206	1 952	1 874	1 498
	Indiċi	*100*	*162*	*155*	*124*

Sors: Eurostat (Comext)

(311) L-importazzjonijiet mit-Tajlandja huma soġġetti għal miżuri anti-dumping kif imsemmi fil-premessa (276). Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell tal-importazzjonijiet naqas bi ftit minn 4 345 tunnellata fl-2021 għal 3 640 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Konsegwentement, is-sehem mis-suq naqas minn 1,4 % għal 1,3 % u baqa' f'livell ġeneralment baxx. Għalkemm il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Tajlandja kienu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-ebda sehem mis-suq addizzjonali ma seta' jinkiseb mill-importazzjonijiet mit-Tajlandja. Għalhekk, l-impatt tqies bħala limitat, jekk mhux negliġibbli, u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(312) Il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kienu f'livelli baxxi ħafna matul il-perjodu kkunsidrat. Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq għall-pajjiżi terzi l-oħra kollha naqas minn 2,4 % fl-2021 għal 2,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-livell medju tal-prezzijiet baqa' taħt il-livell tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, għalkemm żdied b'24 % matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li dawk l-importazzjonijiet ikkontribwew għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, minħabba l-volum baxx u stabbli tagħhom, l-impatt tqies li kien limitat, u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Rendiment baxx tal-qamħirrum fl-UE fl-2022*

(313) Fil-kummenti tagħhom għall-investigazzjoni, is-CFNA u l-importatur mhux relatat Otto Frank qiesu li r-rendiment baxx tal-għelejjel tal-qamħirrum tal-UE fl-2022 ikkawżat minn nixfiet ikkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(314) Otto Frank ikkunsidra li r-rendiment baxx tal-għelejjel tal-qamħirrum tal-UE fl-2022 li kien ikkawżat minn nixfiet mifruxa kien jirrappreżenta l-fattur ewlieni li kkontribwixxa għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan il-ħsad ħażin, l-importatur spjega li l-produzzjoni tal-qamħirrum tal-UE naqset bi 28,9 % fl-2022 meta mqabbla mas-sena ta' qabel u b'24,3 % taħt il-medja ta' ħames snin ([112]). Konsegwentement, il-prezzijiet tal-materja prima kienu soġġetti għal żidiet qawwija fil-prezzijiet ([113]). Otto Frank ikkunsidra li wara stimi tal-prezzijiet miżjuda u riskji ta' provvisti insuffiċjenti mill-industrija tal-Unjoni, xi bejjiegħa bl-imnut tal-UE ddeċidew li jibdlu l-istrateġija tal-akkwist tagħhom billi jixtru l-qamħirrum miċ-Ċina aktar milli mill-produtturi tal-Unjoni. L-importatur afferma li sena b'rendiment baxx tal-għelejjel se jkollha impatt ukoll fuq is-sena tal-produzzjoni ta' wara, peress li l-produtturi jridu jservu kuntratti mill-istaġun preċedenti mingħajr ma jitħalla l-ebda eċċess. B'riżultat ta' dan, il-bejjiegħa bl-imnut żammew lura milli jmorru lura għall-provvista mill-produtturi tal-Unjoni meta ngħalqu l-kuntratti għall-2023 u l-2024 minħabba l-inċertezza dwar ir-rendiment tal-għelejjel tal-2023, il-prezzijiet għoljin kontinwi tal-materja prima u l-provvista preċedenti miċ-Ċina li ppreveniet in-nuqqas ta' provvista. Madankollu, wara tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima lejn tmiem l-2023 u rkupru tar-rendiment tal-għelejjel fl-2023 u fl-2024, l-importatur ikkunsidra li l-klijenti għal darb'oħra xtraw qamħirrum prodott fl-UE u ż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi ġiet ikkunsidrata mill-importatur bħala bidla temporanja.

(315) Is-CFNA affermat li l-bidla f'daqqa tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-2022 kienet dovuta għal ordni kbira li saret monn Lidl, li rrappreżentat madwar 60 % tal-esportazzjonijiet totali taċ-Ċina.

(316) Il-Kummissjoni nnotat li s-CFNA ma komplietx tispeċifika din l-affermazzjoni jew ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn. Għalhekk, din ġiet miċħuda.

(317) L-analiżi tal-volum tal-produzzjoni fil-premessa (262) uriet tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-2022. Madankollu, fis-sena ta' wara, il-volum tal-produzzjoni rkupra għal livell normali, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping. Filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li r-rendiment baxx tal-qamħirrum ikkontribwixxa għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, meta wieħed iqis li kien limitat għal sena waħda biss tal-perjodu kkunsidrat, kien ikkunsidrat li dan ma naqqasx ir-rabta kawżali tali li jagħmilha mhux ġenwina jew mhux sostanzjali.

5.2.3. *Għargħar fit-Tajlandja*

(318) Is-CFNA affermat li n-nuqqas ta' provvista kkawżat minn għargħar fit-Tajlandja kien jirrappreżenta kawża oħra ta' dannu.

(319) Il-Kummissjoni nnotat li s-CFNA ma komplietx tispeċifika din l-affermazzjoni u ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn.

(320) Filwaqt li tabilħaqq it-Tajlandja esperjenzat għargħar serju fl-2022 b'impatt negattiv fuq is-settur agrikolu u b'mod partikolari fuq il-produzzjoni tar-ross ([114]), l-istatistika dwar l-importazzjoni deskritta fit-Tabella 12 bil-livell ta' importazzjonijiet tal-qamħirrum li joriġinaw minn pajjiżi terzi, uriet li l-livell ta' importazzjonijiet tal-qamħirrum mit-Tajlandja ma kellux impatt negattiv. Għall-kuntrarju, l-importazzjonijiet mit-Tajlandja żdiedu bejn l-2021 u l-2022 minn 4 345 tunnellata għal 4 863 tunnellata, li jirrappreżentaw żieda ta' 12 %. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kkunsidratx l-għargħar fit-Tajlandja bħala kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Tnaqqis fil-konsum*

(321) Kif deskritt fil-premessa (243), il-konsum tal-Unjoni żdied bi 3 % bejn l-2021 u l-2022, segwit minn tnaqqis sinifikanti ta' 9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2021. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti minn 6 % fl-2022 għal 16 % fl-2023, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 91 % għal 82 %.

([112]) https://agriculture.ec.europa.eu/system/files/2023-03/cmo-16-3-2023-summary_en.pdf.

([113]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=File:F4_Developments_of_output_price_indices_for_cereals_(2015_%3D_100,_EU,_2015-2023).png.

([114]) https://www.world-grain.com/articles/17685-thailands-rice-crop-hurt-by-flooding.

(322) Għalkemm it-tnaqqis fil-konsum seta' kkontribwixxa għal tnaqqis fil-produzzjoni u l-bejgħ minħabba t-tnaqqis fid-domanda, il-Kummissjoni osservat li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida mas-sehem mis-suq miksub mill-esportazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, it-tnaqqis fil-konsum ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali tali li jagħmilha mhux ġenwina jew mhux sostanzjali.

5.2.5. *Kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija*

(323) Is-CFNA kkunsidrat li l-gwerra fl-Ukrajna setgħet ippreżentat sfidi għall-produtturi tal-Unjoni fil-forma ta' żieda fil-kostijiet tal-enerġija u fl-isfidi fis-sigurtà tal-provvista.

(324) Kif imsemmi fil-premessa (280), il-kost medju ta' unità tal-kost tal-prodotti mibjugħa żdied b'aktar minn 30 % fl-2022 u bi 5 % addizzjonali fl-2023, xprunat prinċipalment minn żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija bħall-enerġija, il-laned, u l-qamħirrum. Madankollu, minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kostijiet tagħha u tibqa' vijabbli.

(325) Filwaqt li ma setax jiġi eskluż li ż-żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima kkontribwew għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma naqqsitx ir-rabta kawżali tali li tagħmilha mhux ġenwina jew mhux sostanzjali.

5.3. **Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(326) Matul il-perjodu kkunsidrat il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

Tabella 13

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	[51 698 - 80 502]	[46 673 - 72 677]	[36 129 - 56 260]	[35 794 - 55 738]
Indiċi	*100*	*90*	*70*	*69*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	[1 285 - 2 003]	[1 466 - 2 285]	[1 671 - 2 603]	[1 786 - 2 782]
Indiċi	*100*	*114*	*130*	*139*

Sors: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(327) Il-volum tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'31 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' dawn l-esportazzjonijiet żdiedu bi 39 % matul l-istess perjodu.

(328) Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-volumi tal-esportazzjoni jirrappreżentaw biss madwar 10 % tal-bejgħ tal-Unjoni u li x-xejra tal-volumi u tal-prezzijiet tal-bejgħ kienet simili għax-xejra osservata għall-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, huwa evidenti li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma hijiex element ewlieni fil-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(329) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma kkawżatx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni jew ma setgħetx tnaqqas ir-rabta kawżali fir-rigward tal-importazzjonijiet miċ-Ċina.

5.4. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(330) Il-Kummissjoni stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni kkoinċidew mad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Iż-żieda qawwija fis-sehem mis-suq Ċiniż irriżultat fi tnaqqis sinifikanti fil-bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, u tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-istess ħin, il-livelli tal-istokks żdiedu b'mod drammatiku, u l-proporzjon tal-offerti li ntgħażlu naqas. Ix-xejra ta' dawn l-indikaturi tal-volum uriet dannu ċar fil-volum. L-importazzjonijiet miċ-Ċina saru bi prezzijiet li jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Għalkemm il-profittabbiltà baqgħet pożittiva, din baqgħet taħt il-profitt fil-mira.

(331) Fatturi oħra eżaminati kienu l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-għargħar fit-Tajlandja, il-konsum imnaqqas tal-Unjoni, u ħsad ħażin tal-qamħirrum fl-2022.

(332) Għalhekk, il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-ebda wieħed mill-fatturi, kollettivament jew separatament, ma nstab li kellu effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li kien biżżejjed biex iqajjem dubji dwar il-konklużjoni li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu qed jikkawżaw dannu materjali.

(333) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa b'mod individwali jew b'mod kollettiv, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti prinċipalment f'volumi mitlufa relatati mal-volumi tal-bejgħ u tal-produzzjoni, mal-użu tal-kapaċità, u maż-żieda fil-livelli tal-istokks. Fl-istess ħin, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet prezzijiet baxxi tal-importazzjoni li kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni u jnaqqsu l-livell ta' profittabbiltà, li baqgħu taħt il-profitt fil-mira b'mod konsistenti.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(334) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

(335) F'dan il-każ, l-ilmentaturi sostnew l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda deċiżjoni rigward id-distorsjonijiet fil-materja prima li se tittieħed fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

6.1. **Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz**

(336) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(337) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx inqas minn 6 %.

(338) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Dan il-profitt bażiku ġie stabbilit abbażi tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li tqieset li nkisbet fin-nuqqas tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Tali marġni ta' profitt ġie stabbilit għal 14 %. Dan il-livell ta' profittabbiltà diġà ġie kkonfermat fl-investigazzjoni anti-dumping preċedenti meta tqiesu l-importazzjonijiet mit-Tajlandja ([115]).

(339) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(340) Imbagħad, il-Kummissjoni iddeterminat il-livell ta' marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz mhux dannuż medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala persentaġġ tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(341) L-aġġustamenti magħmula għall-prezz tal-esportazzjoni kif deskritt fit-taqsima 3.4.2 hawn fuq japplikaw ukoll għall-prezzijiet CIF użati fil-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz.

(342) Il-livell tal-bejgħ taħt il-prezz għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina" huwa ddefinit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji u l-importazzjonijiet (ara l-premessa (234)).

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)
Iċ-Ċina	Sunflower Group: — Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina — Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina	42,4	37,5
	Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina	54,3	81,8
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	48,1	61,2
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	54,3	81,8

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni**

(343) Kif spjegat fin-Notifika ta' Bidu, l-ilmentatur ipprovda evidenza biżżejjed fl-ilment li hemm distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fil-pajjiż ikkonċernat fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Skont l-evidenza fl-ilment, il-laned tal-azzar, li jirrappreżentaw tal-anqas 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, huma soġġetti għal VAT fuq l-esportazzjoni fil-pajjiż ikkonċernat.

([115]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 682/2007 tat-18 ta' Ġunju 2007 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod kollettiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat u li joriġina mit-Tajlandja (ĠU L 159, 20.6.2007, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/682/oj).

(344) Il-Kummissjoni se tkompli tinvestiga l-allegati distorsjonijiet biex twettaq il-valutazzjoni dwar il-livell xieraq ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan l-istadju, tiddetermina l-ammont ta' dazji proviżorji f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(345) Fir-rigward ta' Sunflower Group, id-dazju anti-dumping proviżorju huwa għalhekk stabbilit fil-livell tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz.

(346) Fir-rigward ta' Tongfa Group, id-dazju anti-dumping proviżorju huwa għalhekk stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dumping.

6.3. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(347) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping proviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	*Kumpanija*	*Dazju anti-dumping proviżorju*
Iċ-Ċina	Sunflower Group: — Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina — Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina	37,5 %
	Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina	54,3 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	48,1 %
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	54,3 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(348) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku f'dan l-istadju, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti kollha, inkluż dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-bejjiegħa bl-ingrossa, tal-bejjiegħa bl-imnut, tal-utenti, tal-konsumaturi u tal-bdiewa.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(349) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn 11-il produttur jew grupp ta' produtturi, li jimpjegaw madwar 3 460 persuna (FTE). Il-produtturi huma mifruxa madwar l-Unjoni b'diversi produtturi li jinsabu fl-Ungerija u fi Franza.

(350) Minħabba s-sejbiet tad-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, l-impożizzjoni ta' miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u ttejjeb il-profittabbiltà tagħha f'konformità maż-żidiet fil-kostijiet u żżomm livell kompetittiv fis-suq tagħha. L-industrija tal-Unjoni tkun tista' wkoll terġa' tikseb is-sehem mis-suq mitluf billi żżid il-kwantitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni. Minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux ibigħu l-volum tal-produzzjoni tagħhom u jiksbu livell għoli ta' stokks fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-impożizzjoni ta' miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tbigħ il-livelli tal-istokks eżistenti tagħha biex tnaqqas il-kostijiet fissi.

(351) In-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jkollu aktar effetti negattivi sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volumi aktar baxxi ta' bejgħ u ta' produzzjoni, kif ukoll aktar livelli tal-istokks li qed jiżdiedu. Aktar trażżin tal-prezzijiet li jwassal għal aktar deterjorament finanzjarju tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha f'termini ta' profittabbiltà u investiment futur, li jipperikola l-futur u l-impjiegi tagħha.

(352) Għalhekk, ġie konkluż li l-miżuri proviżorji huma fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi u ta' kummerċjanti mhux relatati**

(353) Fid-data tal-bidu, ġew ikkuntattjati 20 importatur, kummerċjant, u bejjiegħ bl-imnut mhux relatati. Kif deskritt fil-premessa (32), sitt importaturi u kummerċjanti mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba. Intgħażel kampjun ta' żewġ importaturi mhux relatati li minnhom importatur mhux relatat wieħed ipprovda tweġiba għall-kwestjonarju li ġiet ivverifikata. L-importatur li kkoopera kien jirrappreżenta madwar [17 - 27] % tal-importazzjonijiet tal-qamħirrum matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Saret seduta ta' smigħ mal-assoċjazzjonijiet tal-importaturi FRUCOM u Waren-Verein.

(354) L-importatur li kkoopera kkunsidra li l-prodotti bl-imnut tal-qamħirrum mir-RPĊ se jisparixxu mis-suq f'każ li jiġu imposti miżuri. L-importatur argumenta li fi żmien qasir, l-importaturi se jitilfu l-kompetittività relatata mal-bejgħ ta' qamħirrum mhux tal-UE minħabba n-nuqqas ta' sorsi alternattivi ta' provvista minn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn. B'riżultat ta' dan, il-fatturat u l-profitti se jitnaqqsu b'impatt potenzjali fuq il-livell tal-impjiegi.

(355) Meta jitqies li l-qamħirrum kien jirrappreżenta sehem relattivament żgħir mill-fatturat tal-importatur li kkoopera u meta jitqies li l-għadd ta' FTEs direttament relatati mal-qamħirrum huwa relattivament żgħir, huwa meqjus li l-importaturi ma jkunux affettwati b'mod sproporzjonat mill-impożizzjoni ta' miżuri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li għal kuntratti ta' bejgħ futuri, l-importatur se jkun jista' jgħaddi tal-anqas parzjalment iż-żidiet fil-prezzijiet lill-klijenti tiegħu.

(356) L-importatur li kkoopera saħaq fuq it-theddida potenzjalment eżistenzjali tal-ġbir retroattiv tad-dazji anti-dumping.

(357) Kif deskritt fil-premessa (387), f'dan l-istadju tal-investigazzjoni ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar il-ġbir retroattiv tad-dazji.

(358) F'każ li ma tiġi imposta l-ebda miżura, l-importaturi se jkomplu n-negozju tagħhom li jimportaw il-qamħirrum mir-RPĊ u jbigħuh lill-bejjiegħa bl-imnut, lill-industrija tal-catering jew lil utenti oħra.

7.3. **L-interess tal-bejjiegħa bl-imnut u tal-konsumaturi**

(359) Fid-data tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkuntattjat diversi bejjiegħa bl-imnut tal-qamħirrum. Ma nkisbet l-ebda kooperazzjoni. Minħabba l-ispeċifikazzjoni tas-suq tal-qamħirrum, il-konsumaturi privati u utenti oħra tal-qamħirrum, bħad-ditti tal-catering huma affettwati wkoll mill-miżuri.

(360) F'każ li jiġu imposti miżuri, il-bejjiegħa bl-imnut u utenti oħra se jiffaċċjaw kostijiet ogħla ta' xiri tal-qamħirrum minħabba l-miżuri.

(361) L-importatur li kkoopera kkritika l-fatt li l-prezzijiet medji tax-xiri mitluba mill-bejjiegħa bl-imnut se jwasslu għal żidiet fil-prezzijiet tal-konsumaturi privati. L-importatur qies ukoll li s-settur tal-catering se jkun affettwat b'mod negattiv ukoll minn żidiet fil-prezzijiet minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet ikkawżata minn żieda fil-kostijiet u fil-prezzijiet tal-ikel u inqas rieda min-naħa tal-klijenti li jonfqu fuq ikel barra mid-dar. Meta jitqies li l-qamħirrum ippreservat fil-laned tad-daqs tal-catering jiġi prodott biss f'volumi żgħar fl-UE, il-provvista ewlenija se tibqa' mir-RPĊ bi prezzijiet ogħla.

(362) F'każ li ma tiġi imposta l-ebda miżura, il-bejjiegħa bl-imnut, il-konsumaturi privati u utenti oħra x'aktarx jibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi.

(363) Il-Kummissjoni qieset li l-qamħirrum kien jirrappreżenta sehem żgħir ħafna mill-basket tax-xiri tal-konsumatur. Kwalunkwe impatt mill-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' konsumatur medju x'aktarx li jkun negliġibbli.

(364) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-bejjiegħa bl-imnut u ta' utenti oħra u meta jitqies li l-qamħirrum jirrappreżenta biss persentaġġ marġinali tal-bejgħ tagħhom u spazju limitat fuq l-ixkaffa fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut, qed jiġi konkluż b'mod proviżorju li mhux se jkunu affettwati sostanzjalment mill-miżuri proposti.

7.4. **Interess tal-fornituri**

(365) Kif imsemmi fil-premessa (280), il-materja prima ewlenija tal-qamħirrum hija l-qamħirrum mhux ipproċessat u l-laned. Wara l-bidu tal-investigazzjoni, waħda mill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-laned lissnet it-tħassib tagħha. Barra minn hekk, l-ilment kien appoġġat minn assoċjazzjonijiet tal-bdiewa.

(366) F'każ li jiġu imposti miżuri, il-fornituri tal-qamħirrum se jkunu jistgħu jżommu n-negozju tagħhom.

(367) Fin-nuqqas ta' miżuri, il-fornituri x'aktarx li jiġu affettwati f'każ li l-produtturi tal-qamħirrum tal-Unjoni jkollhom inaqqsu l-volum tal-produzzjoni tagħhom. Meta jitqies li l-bdiewa u l-produtturi tal-laned huma marbuta mill-qrib man-negozju tal-qamħirrum, produzzjoni mnaqqsa tal-qamħirrum fl-Unjoni x'aktarx li taffettwa wkoll in-negozju tal-fornituri.

(368) L-importatur li kkoopera kkritika li f'każ li jiġu imposti miżuri, mhux se jkun hemm garanzija, b'mod speċjali, li l-atturi ewlenin tas-suq se jgħaddu l-profitt addizzjonali tagħhom.

(369) Il-Kummissjoni qieset li l-fornituri se jiġu affettwati b'mod aktar sinifikanti f'każ li ma tiġi imposta l-ebda miżura, peress li se jitilfu ċertu sehem min-negozju tagħhom. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(370) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, huwa konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx li ma taffettwax lill-fornituri b'mod negattiv.

7.5. **Tnaqqis ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità u riskju ta' nuqqasijiet ta' provvista**

(371) L-importatur li kkoopera Otto Frank, fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, ikkritika l-kompetizzjoni limitata f'każ li jiġu imposti miżuri minħabba l-għadd baxx ta' produtturi tal-UE, twissija ta' sitwazzjoni ta' oligopolija fis-suq. L-importatur wissa wkoll li fil-każ ta' rendimenti baxxi futuri tal-għelejjel, id-disponibbiltà tal-qamħirrum fl-Unjoni ma tistax tiġi garantita.

(372) L-importatur li kkoopera qies ukoll li minbarra ċ-Ċina, l-ebda pajjiż terz ieħor ma huwa kapaċi jissodisfa l-istandard ta' kwalità u l-kompetittività tal-prezzijiet li huma meħtieġa mis-suq Ewropew.

(373) Il-Kummissjoni qieset li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux se tipprevjeni l-aċċess fl-Unjoni għall-importazzjonijiet li fuqhom ġew imposti l-miżuri, iżda pjuttost l-għan tal-miżuri huwa li jiġi eliminat l-impatt ta' kundizzjonijiet distorti tas-suq li jirriżultaw mill-preżenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(374) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet tikkonsisti minn 11-il produttur jew grupp ta' produtturi. Kif muri fil-premessa (262), l-industrija tal-Unjoni operat matul il-perjodu ta' investigazzjoni ferm taħt il-kapaċità sħiħa. Għalhekk huwa meqjus li l-industrija tal-Unjoni se tkun tista' żżid il-volum tal-produzzjoni tagħha qabel ma tilħaq kwalunkwe restrizzjoni fuq i-kapaċità. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni kisbu livell sostanzjali ta' stokks tal-qamħirrum minħabba l-importazzjonijiet miċ-Ċina li huma disponibbli wkoll għall-bejgħ.

(375) L-importatur li kkoopera qies li minbarra ċ-Ċina, l-ebda pajjiż terz ieħor ma huwa kapaċi jissodisfa l-istandard ta' kwalità u l-kompetittività tal-prezzijiet li huma meħtieġa mis-suq Ewropew.

(376) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-ishma mis-suq u l-għadd ta' fornituri indipendenti tal-prodott ikkonċernat, l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq dwar il-kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni huma miċħuda.

7.6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(377) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-qamħirrun li joriġinaw mir-RPĊ f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI**

(378) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(379) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-qamħirrun li joriġinaw miċ-Ċina, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping fil-premessa (342) aktar 'il fuq. L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.

(380) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju
Iċ-Ċina	Sunflower Group: — Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina — Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina	37,5 %
	Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina	54,3 %
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	48,1 %
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	54,3 %

(381) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li huwa prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inkluż l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat". Jenħtieġ li dawn ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(382) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat".

(383) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(384) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. **REĠISTRAZZJONI**

(385) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-għan li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(386) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju proviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma titkompliex.

(387) F'dan l-istadju tal-proċediment ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri antidumping.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU**

(388) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tliet ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(389) Kemm il-grupp Sunflower kif ukoll il-grupp Tonga pprovdew kummenti. Wara kummenti mill-grupp Sunflower dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli għall-oġġetti konsumabbli u l-kostijiet tat-trasport domestiku għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni rrevediet il-kalkoli tad-dumping tagħha għaż-żewġ gruppi. Kummenti oħra miż-żewġ gruppi kienu jikkonċernaw il-metodoloġija użata għall-kalkoli tad-dumping u għalhekk se jiġu indirizzati, fejn xieraq, fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(390) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(391) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq importazzjonijiet ta' qamħirrun (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku, mhux iffriżat u qamħirrum (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 (kodiċi TARIC 2001 90 30 10) u ex 2005 80 00 (kodiċi TARIC 2005 80 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Sunflower Group: — Sun Flower Food Industry (Xinfeng) Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina — Sunny Food Industry Co., Ltd, Ganzhou City, iċ-Ċina	37,5 %	89SJ
	Zhangzhou Tongfa Foods Industry Co., Ltd, Zhangzhou, iċ-Ċina	54,3 %	89SK
	Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	48,1 %	
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	54,3 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum fl-unità li qed nużaw) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fil-pajjiż ikkonċernat. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw miċ-Ċina.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/309.

2. Id-data miġbura fir-rigward ta' prodotti li jkunu ddaħħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
RPĊ	Anshan N&M Foods Co., Ltd.	89SL
	Fujian Golden Promise Food Technology Co., Ltd.	89SM
	Fujian Haishan Foods Co., Ltd.	89SN
	Fujian Lucheng Food Co., Ltd.	89SO
	Fujian Xingguang Foods Co., Ltd.	89SP
	Fujian Yuxing Fruit & Vegetable Foodstuff Development Co., Ltd.	89SQ
	Guangdong Zhicheng Food Co., Ltd	89SR
	Guilin Risheng Foods Co., Ltd	89SS
	HEBEI PENGDA FOOD CO., LTD	89ST
	Hebei Shuangsheng Agricultural Technology Co., Ltd.	89SU
	HEZE SANQING FOOD CO., LTD.	89SV
	Jieyang Chengfeng Industrial Co., Ltd.	89SW
	Jieyang Yuxiu Industrial Co., Ltd.	89SX
	Nanjing County Xingguang Canned Food Co., Ltd.	89SY
	SHANDONG SANGONGJU FOOD CO., LTD.	89SZ
	XINFENG RUNFENG FOODS CO., LTD.	89TA
	Zhangzhou Gangchang Canned Foods Co., Ltd.	89TB
	Zhangzhou Jiawei Foods Co., Ltd.	89TC
	Zhangzhou Tianbaolong Food Co., Ltd.	89TD
	Zhangzhou Xiangcheng Shunxing Canned Food Co., Ltd.	89TE